MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2014

Numru. 1113/2004

**Artikoli 41 (1) (a), 48A (1), 49, 50, 96 (a), 98, 214, 218, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9;**

**Artikoli 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69 (1)(2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37;**

**Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq Valur Mizjud (Att Nru. XXIII-1998), Kapitolu 406;**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Reg. 12 (3) u 25 tal-A.L. 146/1993,**

**Reg. 6 (1)(2), 8, 9(5) (6) tal-A.L. 19/1992.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**PUBLIUS ZAMMIT**

**u**

**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Publius Zammit ta` 36 sena, bin Paul u Maria nee` Spiteri mwieled Pieta` fil-25 ta` Frar 1968 u residenti Flt. 1, St. Albert Flats, Triq Giorgio Mitrovic, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 114468M;**

**u**

**Omissis**

li gew akkuzati t-tnejn flimkien talli:-

Fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Marzu 2004, waqt li kienu fl-ibhra territorjali ta` dawn il-gzejjer, fl-inhawi maghrufa bhala x-Xatt l-Ahmar, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta` Lt. J. Grixti, LBdr. 86297 C. Brimmer u Gnr. 86644 M. Chetcuti, lkoll membri tal-Forzi Armati ta` Malta, f'periklu car, ikkagunawlhom offizi ta` natura gravi u permanenti, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit, minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

Kif ukoll fl-istess data u cirkostanzi attakkaw, jew ghamlu rezistenza bi vjolenza pubblika jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz publiku, u cioe` l-istess membri tal-Forzi Armati ta` Malta, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

Gew akkuzati wkoll talli fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Marzu 2004, f'dawn il-Gzejjer assocjaw ruhhom ma` xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, akkuzati wkoll talli fil-lejl ta` bejn it-13 u l-14 ta` Marzu 2004, xjentement naqsu li jiddikjaraw lill-Ufficjali tad-Dwana kwantita` ta` ghasafar u fkieren, liema mportazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta;

Dawn ghandhom il-valur ta` LM 13,566.00,0 dazju xejn, u li fuqhom kellha tithallas Taxxa Fuq Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghall-LM 2441.88,0 liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mportaw ghasafar, hajjin jew mejtin, jew partijiet minnhom, u naqsu li jipprovaw li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn ikunu originaw jew li ma humiex protetti fil-pajjiz ta` l-origini taghhom, jew li l-esportazzjoni taghhom mill-pajjiz minn fejn gew esportati kienet wahda awtorizzata;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ftiehmu jew ipprovaw, jew ghinu, hajru, taw parir jew qabbdu lil xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Harsien ta` l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew biex naqsu milli jikkonformaw ma` xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittimament moghtija bis-sahha ta` xi dispozizzjoni ta` dawn ir-regolamenti) jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom,

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi importaw, esportaw jew ri-esportaw xi ezemplari mhux skond kif titlob il-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta` Fawna u Flora Selvagga (Washington 1973);

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi importaw xi ezemplari minghajr ma applikaw ma` Awtorita` Amministrattiva bil-miktub fuq formola ghal hekk imhejjija mill-istess Awtorita` u naqsu li jipproducu dawk il-permessi jew certifikati li jistghu jinhtiegu mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta` Fawna u Flora Selvagga (Washington 1973);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma kellhomx formoli, permessi u certifikati skonf kif titlob il-Konvenzjoni;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala l-persuni li kellhom fil-pussess taghhom xi ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa` taht dawn ir-regolamenti, naqqsu li jzommu fil-pussess taghhom u ghaz-zmien kollu li dawk l-ezemplari kienu fil-pussess taghhom, kull permess, certifikat u licenzja li jkollhom x'jaqsmu ma` l-importazzjoni ta` dawk l-ezemplari.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta` htija, barra l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-konfiska ta` l-oggetti kollha esebiti kif ukoll li tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha taht ir-Regolamenti ta` l-1992 dwar il-Kummerc fi Speci ta` Fawna u Flora ghal mhux anqas minn sena;

Il-Qorti giet mitluba li meta jinstab htija, terz tal-piena ta` flus jitqies bhala dejn Civili u ghandu jigi dikjarat mill-Onorabbli Qorti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lill-Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti bl-istess mod bhallikieku nghata f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati u dan ghat-terminu tal-Proviso ta` l-Artikolu 62 (Kap 37);

Kif ukoll sabiex il-Qorti tohrog dawk l-ordnijiet skond dak li tipprovdi l-Konvenzjoni dwar iz-zamma, ri-esportazzjoni jew soppressjoni ta` l-ezemplari kemm waqt li jkunu ghadhom ghaddejin il-proceduri kif ukoll meta tinghata s-sentenza u hija wkoll gentilment mitluba li tordna li l-ispejjez ghaz-zamma, ri-esportazzjoni jew sopressjoni jkunu ghal karigu ta` dik il-persuna jew persuni li jinstabu hatja taht dawn ir-regolamenti, kif ukoll li tordna l-iskwalifika mill-ksib ta` licenzja taht l-Att biex ihares l-ambjent u dan ai termini tar-regolamenti 9 (5) u 9 (6) ta` l-AL 19/1992;

Finalment gew akkuzati wkoll talli saru recedivi ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289, tal-kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, meta gew misjuba hatja b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol 10, il-fedina penali tal-imputat esebita fl-atti a fol. 11 et seq u l-proces verbal li huwa mmarkat bhala Dok. MSD1.

Rat dak li gie verbalizzat mill-Qorti nhar il-21 ta’ Jannar 2005 fejn din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonfermat l-esperti kollha li kienu gew nominati fl-inkjesta u ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzjoni.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-15 ta’ Jannar 2007 (fol. 197) fejn gew mghotija l-akkuzi fil-konfront ta’ l-imputat u cioe’ inghata is-segwenti artikoli 41 (1) (a), 48A (1), 49, 50, 96 (a), 98, 214, 218, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Artikolu 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69 (1)(2) ta` l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, u l-Artikolu 80 ta` l-Att dwar Taxxa fuq Valur Mizjud (Att Nru. XXIII-1998) Kap 406 tal-ligijiet ta’ Malta; A.L. 146/1993 Reg. 12 (3) u 25, Reg. 6 (1)(2), 8, 9(5) (6) tal-AL 19/1992;

Rat illi fl-4 ta’ Lulju 2007 gew moqrija l-artikoli fil-konfront tal-imputat u l-imputat (fol. 203) iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

**Martin Debattista** ghan-nom tal-Kontrollur tad-Dwana, xehed nhar il-21 ta' Jannar 2005, u esebixxa *letter to prosecute* li gie mmarkat bhala Dok MD1, u esebixxa talba li giet immarkata bhala Dok. MD2 sabiex f'kaz ta' htija, terz tal-piena jitqies bhala dejn civili.

**Paul Scicluna** ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT, xehed nhar il-21 ta' Jannar 2005 u esebixxa *letter to prosecute* li gie mmarkat bhala Dok PS1.

**Mario Mifsud** ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati, xehed nhar il-21 ta' Jannar 2005 u pprezenta process verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti Dr Giovanni Grixti rigwardanti inkjesta dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati wara nsegwiment fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu, 2004 li gie mmarkat bhala Dok MSD1.

**L-Ispettur Michael Mallia** xehed fil-21 ta' Jannar 2005, fejn spjega li kien stazzjonat CID, u li fit-13 ta' Marzu 2004 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghaxija, il-Pulizija kienet giet infurmata li membri tal-Forzi Armati ta' Malta kienu ghadhom kemm intercettaw xi dghajsa suspettuza fl-inhawi tal-Gnejna u kellhom suspetti li kien se jsir kuntrabandu f'din id-dghajsa. Il-Forzi Armati kienu nfurmaw lill-Pulizija li kienet ukoll giet feruta persuna fl-istess operazzjoni, liema persuna kienet wahda mis-suspettati u kienet gia ttiehdet l-Isptar San Luqa. Ix-xhud jghid li l-pulizija marret fuq il-post fejn irrizulta li kien hemm dghajsa, u cioe’ power boat bl-isem 'Little China' registrata Valletta bin-numru ta' registrazzjoni 8449, u li kien hemm persuna arrestata li huwa wiehed mill-imputati Publius Zammit li x-xhud gharaf fl-awla. Mill-ewwel stharrig irrizulta li l-istess dghajsa kienet originarjament intercettata 'l barra mill-fliegu ta' bejn Malta u Ghawdex u sussegwentement kienu grew warajha xi lanec u opri tal-bahar tal-Forzi Armati ta' Malta sakemm din giet l-ewwel darba intercettata mal-kosta tax-Xatt l-Ahmar gol-gzira ta' Ghawdex. Il-Pulizija kienet giet informata mill-membri tal-Forzi Armati li kienu qed juzaw dghajsa ohra bil-core sign RDL 1 li meta waslu qrib id-dghajsa fl-inhawi tax-Xatt l-Ahmar xeghlulhom xi dawl fuqhom u qalulhom li kienu l-Forzi Armati ta' Malta pero' minflok obdew l-ordni taghhom, dawn kienu saqu bi speed eccessiv ghad-direzzjoni taghhom u

kien Cocks Wayne tal-Forzi Armati li rnexxielu jiskapulhom biex ma jidhlux go fihom u gie evitat incident.

Il-Forzi Armati baqghu jbahhru wara l-ispeed boat suspettuza u din baqghet sejra Dahlet Marku fl-inhawi tal-Gnejna. Minkejja li l-Forzi Armati regghu identifikaw ruhhom, dawna nizlu minn fuq id-dghajsa u harbu ghal fuq il-blat fl-inhawi tal-Gnejna. Membri tal-Forzi Armati nizlu wkoll minn fuq id-dghajsa taghhom u marru jigru warajhom, gew sparati wkoll tiri ta' twissija biex jieqfu. Sussegwentement l-imputati li gew mgharrfa mix-xhud gew arrestati, u ndika li kien Jesmond Vella li kien intlaqat b'xi tiri, wiehed fi spalltu u l-iehor f'siequ, u ttiehed l-Isptar San Luqa, waqt li l-imputat l-iehor Publius Zammit inzamm arrestat.

Wara dan gie nfurmat bl-incident il-Magistrat Giovanni Grixti u nfethet inkejsta u gie nominat il-Perit Richard Aquilina bhala espert tal-Qorti, kif ukoll PS560 J. Farrugia bhala espert ballistiku, PS171 Glenville u PS659 J. Hughes bhala Scene of the Crime Officers. Ix-xhud indika li l-Magistrat Grixti sema' lix-xhieda tal-Forzi Armati personalment, u jghid li hu kien prezenti waqt it-tehid ta' din ix-xiehda. Il-Forzi Armati talbu lil Maggur Terribile minn Ghawdex biex issir tfittxija fl-inhawi tax-Xatt l-Ahmar fejn kienet giet intraccata d-dghajsa suspettata fl-ewwel okkazjoni.

Hemmhekk instabu diversi kaxex fuq il-blat li kien fihom ghasafar tal-ghana kif ukoll tajr iehor protett u fkieren. Ix-xhud jghid li kien hemm mija u tmien kaxxa, crates tal-plastic, qishom crates tal-haxix zghar, baxxi, li kienu kollha marbutin ma' xulxin, wahda fuq l-ohra bit-tie clips li jintuzaw biex jintrabtu l-wires tal-elettriku li jkunu marbutin wahda mal-

ohra, kif ukoll zewg kaxxi tal-kartun kbar. Kien jidher li kienu mimlijin ghasafar ippakkjati. L-ammont gie kkonstatat minn Stanley Gatt peress li gie mahtur jaghmel l-inventarju tal-oggetti u rrizulta li kien hemm erba' mija u sitta u ghoxrin greenfinches, tnejn u sebghin ninnets, tnejn long headed buzzards, u mija tmienja u sittin spare tight tortoises.

Ix-xhud jindika li dawn l-oggetti kienu gew elevati u ntbghatu biex jinzammu kwarantina Hal-Luqa. Kienet giet elevata ukoll il-*power boat* tas-suspettati u giet ezaminata minn Stanley Gatt, li kien irrizulta li nstabu diversi zrieragh tal-iskalora u zrieragh ohra li nstabet fil-feeders tal-istess kaxxi, kif ukoll hafna rix imferrex u mwahhal mad-dghajsa kollha kemm minn gewwa kif ukoll min-naha ta' barra taghha. Ix-xhud wara kien kellem lil Publius Zammit li kien cahad li kien involut f'xi xoghol ta' kuntrabandu, u li qallu li dakinhar kien Ghawdex flimkien ma' Jesmond Vella u li kienu hargu biex jippruvaw id-dghajsa taghhom ghaliex kienu varawha ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija tat-13 ta' Marzu 2004, u qallu li hargu dawra u f'hin minnhom raw dghajsa fuqhom li huma ma kienux jafu li kienet tal-Forzi Armati, u li kienu bezghu minnhom ghax bezghu li xi hadd gie biex jaghmillhom xi haga u li harab minn fuq il-post u baqa' sakemm dahal il-Gnejna u baqa' sakemm gie arrestat, u li kien dak il-hin li nduna li dawk kienu tal-Forzi Armati. Wara x-xhud kellem lil Jesmond Vella pero' dan ma setghax ikellmu fit-tul peress li kien qieghed l-isptar taht kura u wara arrestah meta gie rilaxxat mill-Isptar xi granet wara.

Meta x-xhud kellem lil Jesmond Vella, dana hareg bl-istess verzjoni ta' Publius Zammit. Dawna kienu cahdu li kellmuhom fuq il-loud speaker u li

qalulhom li kienu tal-Forzi Armati ta' Malta u li ppruvaw isuqu. Fl-istess post fejn kienet instabet id-dghajsa suspettata, instab satellite phone tal-marka Telit SAT 500 li kien komplut bis-SIM Card u mobile phone. Dawn l-oggetti fil-fatt kienu gew elevati mis-scene of the crime officers u saru aktar ezamijiet fuq dawn. Ix-xhud jindika illi nhar l-14 ta' Marzu kien baghat lis-Surgent PS90 biex jaghmel tfittxija fil-garaxx go Ghawdex li juza Publius Zammit, fejn hemm instab kaxxa tal-GPS, kif ukoll VAT receipt f'isem Publius Zammit, fl-istess kaxxa li kienet datata 12 ta' Marzu 2004, jigifieri li din kienet inxtrat gurnata qabel li sar dan l-incident. Ix-xhud jindika li meta kellem lil Zammit dwar il-GPS, Zammit qal li l-kaxxa kienet tieghu u li kien xtara l-apparat u li kien ilu ghandu u li kien insteraqlu xi sitt xhur qabel l-incident, u meta x-xhud staqsih jekk ghamilx rapport dwar dan, Zammit qallu li ma kienx ghamel.

Ix-xhud ezebixxa Dok MM6, u cioe' l-istqarrija ta' Publius Zammit, li x-xhud gharaf fl-Awla, u x-xhud jghid li kien imwissi li ma kienx obbligat jitkellem u li dak kollu li jghid seta' jigi wzat bhala prova. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, dik ta' Vella u ta' PS90 Gerada. Giet ezebita Dok MM7 u cioe' rcevuta li nghatat lil Publius Zammit dwar oggetti li kienu gew elevati minn gol-vettura li kien qieghed jaghmel uzu minnha l-istess Zammit, u cioe' Suzuki Jeep, numru ta' registrazzjoni HAD203, li fuqha x-xhud gharaf il-firma ta' Publius Zammit, tas-Surgent PS90 kif ukoll ta' PC1111 Seguna. Giet ezebita Dok MM8, u cioe' rcevuta ohra fil-konfront ta' Publius Zammit, li tirreferi ghal oggetti elevati minn go garaxx minghajr numru, fi Triq Wied ir-Rghajjes, Ghajnsielem, Ghawdex, li fuqha gharaf il-firma ta' Publius Zammit, tas-Surgent 90 Gerada, kif ukoll PC 1111 Seguna. Dok MM9 gie ezebit li jikkonsisti f'oggetti li gew elevati minn gol-vettura Suzuki Jeep HAD-203 li kienet ipparkjata gewwa l-

Imgarr, Ghawdex, nhar l-14 ta' Marzu 2004, li kienet qieghda tintuza minn Zammit. Dok MM9 huwa envelop li fih gewipprezentati zewg komom ta' jersey li kienu maghmula bhala balaklavi. Kien ukoll ezebit Dok MM10, u cioe' envelopp li jikkontjeni oggetti li gew elevati minn go garaxx minghajr numru sitwat fi Triq Wied ir-Rghajjes, Ghajnsielem, Ghawdex fl-14 ta' Marzu 2004, l-istess garaxx li kien qieghed juza Zammit. Fl-istess envelopp hemm ukoll kaxxa tal-kartun tal-apparat tal-GPS, kif ukoll ircevuta fiskali tal-istess apparat datata 12 ta' Marzu 2004 kif ukoll tliet chargers ta' apparat elettroniku. Ix-xhud ipprezenta wkoll Dok MM9 li hija borza kontenenti z-zewg biljetti tal-Gozo Channel Line li huma biljett ta' persuna wahda u biljett li huwa ghal persuna u vettura, li huma mmarkati li nxtraw fl-10 ta' Marzu 2004 u li setghu jintuzaw sad-9 ta' Marzu 2005.

Xehed **Stanley Gatt** nhar il-21 ta' Jannar 2005 fejn ikkonferma li fuq l-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti Grixti fl-inkjesta ta' feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati wara nsegwiment fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004, liema process verbal huwa ezebit u mmarkat bhal Dok MSD1 u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhal Dok SGA1. Ix-xhud ezebixxa zewg envelopes ta' kulur abjad kontenenti numru ta' kampjuni li jaghmel riferenza ghalihom fir-relazzjoni tieghu li kien ezebixxa.

In kontro-ezami, ix-xhud jindika li huwa ggradwat fix-xjenza ambjentali u li ghandu Masters Degree fl-immaniggjar tal-ambjent u tal-ippjanar, kif ukoll li ghandu tnax-il sena esperjenza f'identifikazzjoni ta' ammont partikolari ta' ghasafar.

Fir-relazzjoni tieghu l-espert ikkonkluda li l-ezemplari kollha ta' l-ispeci ta' ghasafar kif deskritti fir-rapport tieghu u li huwa ezamina huma dikjarati protetti skond regolament 3 (1) tal-Avviz Legali 146 tal-1993 hekk kif emendat b'Avviz Legali 41 tal-2003. (fol. 49 ta' l-atti)

Ix-xhud **PS 90 Jeffrey Gerada** xehed nhar il-21 ta' Jannar 2005, u kkonferma li Dok MM5 hija l-istqarrija tal-imputat Jesmond Vella u li gharaf fl-Awla, li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija, u kkonferma li Vella kien inghata t-twissija skont il-ligi, gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Michael Mallia u tal-imputat Vella, kull fejn jidhru fuq l-istess dokument. Ix-xhud ikkonferma li Dok MM6 hija l-istqarrija tal-imputat Publius Zammit u li gharaf fl-Awla, li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija, u kkonferma li Vella kien inghata t-twissija skont il-ligi, gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Michael Mallia u tal-imputat Vella, kull fejn jidhru fuq l-istess dokument. Ix-xhud jghid li fl-14 ta' Marzu 2004 huwa ghamel zewg *searches* fuq il-vettura HAD-203 tal-marka Suzuki Jeep u ghamel ukoll tfittxija go garaxx minghajr numru go Wied ir-Rghajjes, Ghajnsielem, Ghawdex.

Ix-xhud jghid li ghat-tfixxija fil-vettura kien hemm PC807 u Publius Zammit prezenti, u li kien eleva zewg balaklavi, li kienu mohbija taht is-seat, zewg Gozo Channel passenger board u biljetti datati 10 ta' Marzu 2004, li skont ix-xhud kienu mitluqin fuq l-art fuq it-tapit tal-karozza u akkwist minn fuq il-vapur ta' Ghawdex. PC807 ha r-ritratti tal-affarijiet. Dwar it-tfittxija li saret fil-garaxx, ix-xhud jghid li din saret fil-prezenza tal-imputat Zammit, li gharaf fl-Awla, u li kien Zammit li fetah il-garaxx

b'cavetta li kellu fuqu, u gew elevati charger iswed tal-marka Rico, battrey sewda tal-marka Alinco u kaxxa tal-kartun, li kienet tidher tal-GPS u li kien ircevuta go fiha bin-numru 001210. Dawn l-affarijiet gew fotografati wkoll minn PC807. Ikkonferma li Dok. MM9 jirreferi ghall-oggetti li huma elevaw mill-karozza HAD203. Ikkonferma li Dok. MM10 jirreferi ghall-oggetti li gew elevati minn gewwa l-garaxx gewwa Ghawdex. Ix-xhud jghid li fl-14 ta' Marzu 2004, kien mar flimkien ma' PS1624 gewwa l-Gnejna fejn is-suldati kienu qalulhom li kienet waqfet l-ispeed boat u jghid li meta kienu nizlu s-suldati kienu elevati torch li kienet ghadha tixghel, mobile phone, u xi apparat ta' komunikazzjoni. Jghid illi dawn l-oggetti li semma' gew prelevati mill-qiegh mill-ghaddasa tal-Forzi Armati u wara gew mghoddija lill-ufficcjali tas-Scene of the Crime tal-Pulizija. Dawn l-oggetti kienu nstabu ezatt fil-post fejn is-suldati kienu qalu lill-Pulizija li waqfet l-ispeed boat tas-suspettati, li x-xhud jghid li skont is-suldati kienu l-imputat Zammit u Jesmond Vella.

In kontro-ezami, ix-xhud jghid li meta l-ghaddasa elevaw l-oggetti li semma' gewwa l-Gnejna, hu kien prezenti, kemm meta nizlu fil-bahar u anke meta telghu u tellghu maghhom dawn l-oggetti. Ix-xhud jindika li huwa kien dahal duty fid-disgha ta' filghodu tal-14 ta' Marzu 2004, izda ma jeskludix li hu seta' gie msejjah qabel mis-superjur tieghu l-Ispettur Micahel Mallia u ghalhekk dahal qabel dakinhar ghax-xoghol. L-ordni li kellhom l-ghaddasa tal-Forzi Armati kienet li jinzlu u jfittxu biex jaraw x'isibu u jtellghuh, ma kien hemm l-ebda struzzjoni li dawn kellhom ifittxu ghal xi oggetti partikolari. Jikkonferma li t-tfittxijiet li x-xhud ghamel kemm fil-vettura kif ukoll fil-garaxx saru wara t-tlieta ta' wara nofsinhar tal-14 ta' Marzu 2004.

**L-Ispettur Michael Mallia**, rega' xehed nhar il-21 ta' Jannar 2005, u dan dwar Dok. MM10 u jikkoregi ruhu billi jghid li l-oggetti li hemm ezebiti bhala Dok MM10 huma fil-fatt battery charger u batterija u mhux tliet battery chargers. Ix-xhud ezebixxa wkoll formalment dghajsa bl-isem Little China registrata bhala Little China Valletta b'numru tar-registrazzjoni 8449 u qieghda tigi ezebita formalment bhal Dok. MM13.

**Il-Maggur Martin Cauchi**, xehed nhar il-21 ta' Jannar 2005, u jindika li huwa stazzjonat Forzi Armati ta' Malta, li jghid li huwa rcieva telefonata nhar il-Gimgha 12 ta' Marzu 2004 wara nofsinhar, fejn inghata nformazzjoni li kienet se tiddahhal konsenja ta' kuntrabandu, permezz ta' *speed boat* marbuta l-Imgarr Ghawdex, li kienet bajda bil-blu u li kellha zewg outboards Johnsons u kellha isem simili ghal *Little China*. Ix-xhud jindika li kellhom ghassa fuq din id-dghajsa meta kienet Ghawdex, li harget mill-Port tal-Imgarr bejn is-siegha u l-hamsa ta' wara nofsinhar tat-12 ta' Marzu 2004. Dak il-hin, il-Forzi Armati hargu b'patrol boat kbir tas-Secondor, patrol boat iehor zghira, patrol boat 24 u detachment ta' suldati li jahdmu fuq il-bahar fuq speed boat u hadu l-pozizzjoni taghhom madwar Ghawdex. Ix-xhud qal illi huwa l-Kap Kmandant tal-iskwadra marittima li qieghda bbazata Hay Wharf u kien hu responsabbli ghall-operazzjoni. Jispjega illi l-patrol boats baqghu fuq stations fuq Ghawdex kull naha ta' Ghawdex u wkoll Kemmuna bejn il-Gimgha 12 ta' Marzu u s-Sibt 13 ta' Marzu. Ghal xi s-siegha ta' wara nofsinhar ta' nhar is-Sibt 13 ta' Marzu persuna nkarigata mill-*intelligent section* Hal-Luqa nfurmat lix-xhud li l-ispeed boat kellha tidhol lura ghal xi sieghat mit-Tunezija, u ghalhekk il-Forzi Armati baqghu jistennew. L-ispeed boat ma regghetx dehret mill-Gimgha sas-Sibt. Ix-xhud kien ra r-radar fuq il-patrol boat 31 ghal xi s-sebgha neqsin kwart u ghamel il-plottings tal-

moviment tal-ispeed boat *Little China* fil-lejl tas-Sibt 13 ta' Marzu 2004, li saru fuq il-post u wara l-kaz, li gew ezebiti Dok. MCM1 u MCM2, rispettivi.

Ix-xhud jghid li ra kuntatt li jghaddi taht l-irdum ta' Ta' Cenc, fejn bl-*ispeed boat* resqu lejn Xatt l-Ahmar, u x-xhud ordna lill-ispeed boat tal-Forzi Armati sabiex tmur tinvestiga l-*contact*, u dahlet magenb l-ispeed boat l-iehor u gie kkonfermat li kien l-istess speed boat li kienu qeghdin jistennew izda dan ma riedx jieqaf ghall-interrogazzjoni u qabad kors sparata 'l barra, ix-xhud jindika li din l-informazzjoni ghaddhielu Lieutenant Grixti li kien fuq id-dinghi, li huwa l-*ispeed boat* tal-AFM, b'kuntatt ta' radio. Ix-xhud ra fuq ir-radar tal-power boat minn vicin Xatt l-Ahmar tohrog 'il barra sax-Xlendi u mbaghad qabad il-korsa lejn Gnejna Bay, kif indikat fuq Dok. MCM1. Peress li l-*ispeed boat* tal-Forzi Armati tilfu lil din l-*ispeed boat*, ix-xhud kien iddiriega l-*ispeed boat* li kien fuqha hu, biex imorru fuq dan il-*contact,* is-suspettat u jibqghu warajh sakemm jidhol Ta' Cenc. Ghall-habta tad-disgha u ghaxra, id-dghajsa suspettata dahlet il-Bajja ta' Gnejna, u l-*ispeed boat* tal-Armata dahlet warajha skont l-istruzzjonijiet tax-xhud u l-operazzjoni giet mghoddija f'idejn Lieutenant Grixti li kompla jigri wara s-suspettati fuq l-art, u ghall-habta tat-tmienja u ghaxra Grixti baghat messagg lix-xhud li spjega x'gara, u li spjega li minkejja l-*warning shots* is-suspettati ma waqfux, u li kien spara u laqat wiehed minnhom u talab assistenza medika permezz ta' helicopter kif ukoll ambulanza. Ix-xhud fid-disgha nizel minn fuq il-patrol boat u mar jevalwa s-sitwazzjoni, pero' sa dak il-hin kienu gia waslu l-pulizija u l-ambulanza. Ix-xhud ma kienx jaf jekk instabux xi oggetti fejn dahlet id-dghajsa suspettata Little China gewwa x-xatt l-Ahmar izda jaf li s-suldati tieghu diment li rawh, raw l-*ispeed boat* li kienet wiccha

ppuntat 'il barra u s-suldati kienu wicchom 'il gewwa jigifieri, is-suldati hasbu li kien hemm xi haga fuq l-art f'dik l-akwata, u ghaldaqstant, huwa talab lill-pulizija u l-armata tmur tinvestiga l-akwata tax-Xatt l-Ahmar u xi sieghat wara sabu kwantita' enormi, xi mitt kaxxa ta' ghasafar, fekruna u xi annimali protetti.

In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi d-dinghi li kienet qieghda timxi wara d-dghajsa suspettata hija ta' kulur iswed u li ghandha dawl tal-pulizija fuqha, u dan id-dawl kien mixghul, izda huwa ma kienx prezenti meta kien mixghul peress li kien naqra 'l boghod minnhom. Kien Lieutenant Grixti li rrapportalu li l-police light kien mixghul. Grixti kien qallu waqt id-*debriefing session*, li d-dawl il-blu kif ukoll is-sirena kienet mixghula meta beda jigri wara d-dghajsa suspettata mix-Xatt l-Ahmar sa taht ix-Xlendi. Mix-Xlendi sal-Gnejna ma kienux xeghelu d-dawl il-blu peress li kienu tilfu d-dghajsa suspettata u kellhom bil-fors jistennew sakemm id-dghajsa suspettata torbot fuq il-post u wara titrakka maghhom u jkomplu bl-investigazzjoni. Huma kienu ghajtu kemm-il darba “AFM ieqfu, AFM ieqfu!”

Ix-xhud jindika li l-informazzjoni li ghandu hu dwar ic-chase u l-isparatura hija *second-hand information*, u li qalulu li l-warning shots gew sparati fil-bajja tal-Gnejna. Fuq l-ispeed boat tal-Armata hemm sign Delta 1 u ghandu l-kulur iswed u *blue flashing lights* u kien hemm tliet persuni, u cioe' Lieutenant James Grixti, Lance Bombardier Christopher Brimmer u Gunner Chetcuti, li kienu kollha armati, u li waqt id-*debriefing session* kienu kollha sparaw *warning shots* f'hinijiet differenti.

L-ewwel *warning shots* gew sparati minghand Lieutenant Grixti meta z-zewg suspettati ppruvaw jaharbu mill-post, u l-*warning shots* li sparaw Gunner Chetcuti u Brimmer gew sparati fuq l-art u mhux fuq il-bahar, meta grew wara t-tnejn min-nies li kienu fuq id-dghajsa suspettata, izda s-suspettati ma waqfux. Kien Grixti li ta l-awtorizzazzjoni li jigu sparati dawn il-*warning shots*.

Ix-xhud jispjega li min-noti li huwa kien ha mid-*debriefing session* meta Delta 1 kienet daqs 25 metru 'l boghod mid-dghajsa suspettata, wiehed mill-imputati kien osservat jorbot il-*morning lines* mal-lemin tal-Bajja tal-Gnejna. Meta wiehed mill-imputati beda jorbot id-dghajsa nduna li membri tal-AFM kienu vicin hafna u b'hekk is-suspettati harbu 'l hemm. Hekk kif ghamlu hekk il-membri tal-AFM ghajtu li huma mill-Forzi Armati ta' Malta u ghalhekk ghandhom jieqfu ghax inkella jisparaw. Meta Delta 1 kienet qieghda tavvicina Little China mal-moll, Lieutenant Grixti rega' ghajjat “Forza Armati ta' Malta, ieqfu inkella nisparaw”, izda z-zewg imputati ma waqfux u komplew jaharbu. Grixti ta l-ordni biex jigu sparati l-*warning shots* u gew sparati *erba' warning shots* minn Grixti minn fuq l-*ispeed boat*, u dak il-hin Grixti kien vicin tad-driver li kien fuq in-naha tal-lemin u Grixti fuq ix-xellug, u hu baqa' fuq id-dghajsa waqt li kienet qed titrakka ma' Little China. Meta Grixti ra li s-suspettati baqghu jaharbu spara disa' tiri ohra, liema tiri kienu mmirati fuq l-art fejn kien qieghed jigri wiehed mill-imputati. Brimmer u Chetcuti kienu qabzu ghal fuq l-art u bdew jigru wara z-zewg imputati li kienu sejrin f'zewg direzzjonijiet differenti u Grixti rabat id-dghajsa. Brimmer spara seba' tiri u dak il-hin ma kienux warning, kienu mmirati lejn l-art u mhux lejn il-persuni u rega' ghajjat “Forzi Armati ta' Malta, ieqaf ghax inkella inkompli nispara”. Imbaghad wiehed mill-imputati waqa' u gie arrestat.

Chetcuti baqa' jigri wara t-tieni suspettat li kien qieghed jigri ghat-teghla u kompla jghajjat "Forzi Armati ta' Malta, ieqaf ghax se nkompli nispara", imbaghad Chetcuti spara erba' *warning shots* u l-imputat waqaf, u gholla jdejh u ceda u gie arrestat. In-nies li gew arrestati kienu Publius Zammit u Jesmond Vella. Ix-xhud gharaf lil Publius Zammit li xi zmien qabel l-incident kien hemm kaz iehor fil-Port il-Kbir li kien involut fih hu, izda x-xhud ma ftakarx ezatt id-dettalji tal-kaz hlief li kien hemm xi dinghi u persuna ohra.

**L-Ispettur Michael Mallia**, rega' xehed nhar it-28 ta' Marzu 2005, u ezebixxa Dok MSP1, vera kopja fotostatika ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, moghtija mill-Magistrat Dr Tonio Micallef Trigona datata 11 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija, Spettur Joseph Cordina vs Jesmond Mary Vella.</u>** Ezebixxa Dok. MSP2, vera kopja fotostatika ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani, fid-29 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija, Spettur David Saliba vs Publius Zammit.</u>** Ezebixxa Dok MSP3, vera kopja fotostatika ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta, fl-10 ta' Mejju 2000, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija, Spettur Domenic Micallef vs Publius Zammit.</u>**

**L-Ispettur Michael Mallia** rega' xehed nhar is-17 ta' Mejju 2005, fejn ezebixxa formalment bhala Dok. SNP1, mija tmienja u sittin (168) *spur thighed tortoises*, erbat elef, mija u sitta u ghoxrin (4126) *greenfinch* (vrieden), tnejn u sebghin (72) *linnet* (gojjin) li kienu kollha mejta. Ezebixxa wkoll bhala Dok. SNP2 li hija vera kopja fotostatika ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija mill-Magistrat Dr Patrick Vella, fis-6 ta' Settembru 1994, fl-

ismijiet **Il-Pulizija, Spettur Pierre Calleja vs Jesmond Vella u Ivan Fenech**. Din is-sentenza kienet giet appellata pero' l-appell gie dikjarat dezert u ezebixxa Dok. SNP 3 li huwa verbal tas-seduta tal-Qorti tal-Appell Kriminali li hemm dikjarat li l-appell gie dikjarat dezert.

**L-Ispettur Paul Bond** xehed nhar it-28 ta' Marzu 2005, u rrefera ghal Dok MSD1 li huwa l-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta li sehh fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004 u ghamel riferenza specifica ghal fol 26 u 27 tal-istess process li huwa rapport li huwa ghamel lill-Magistrat Inkwirenti, u gharaf il-kontenut tal-istess rapport u li gharaf il-firma tieghu fuq l-istess rapport.

**Il-Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia** esperti nominti fl-inkjesta mizmuma mill-Magistrat Giovanni Grixti xehedu konguntivament nhar it-28 ta' Marzu 2005 u saret riferenza ghar-relazzjoni taghhom li tinsab esebita minn fol 100 sa fol 117 tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta li sehh fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004 u ghan-nota tal-Avukat Generali li huma esebiti bhala Dok MSD1, u gharfu l-kontenut tal-istess rapport u li gharfu l-firma taghhom fuq l-istess rapport.

Permezz ta' digriet tas-17 ta' Mejju 2005, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-ghasafar u fkieren li kienu gia mejta u gew maqbuda, liema oggetti gew formalment ezebiti bhala Dok SNP1. Illi d-distruzzjoni giet

ikkonfermata permezz ta' nota tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol 98 tal-process.

**Perit AIC Richard Aquilina** xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2005, u saret referenza ghar-relazzjoni tieghu li tinsab esebita minn fol 123 sa fol 130 tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta li sehh fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004 u ghan-nota tal-Avukat Generali li huma esebiti bhala Dok MSD1, u gharaf il-kontenut tal-istess rapport, gharaf il-firma tieghu fuq l-istess rapport, u li ma kellu xejn aktar x'izid mar-relazzjoni.

**Dr Gordon Cutajar** xehed nhar is-26 t' Ottubru 2005, u dan in rapprezentanza tal-Malta Maritime Authority, fejn qal li l-*pleasure yacht* bl-isem Little China li ghandha n-numru ufficcjali 8449 inghalqilha r-registru taghha nhar it-08 ta' Novembru 2004, u li s-sid tad-dghajsa huwa Publius Zammit (KI114468M), u li skont Zammit it-tonnage ta' din id-dghajsa hija 3.45 tons. Izda din id-dghajsa ma baqghetx registrata mal-Malta Maritime Authority u li ilha mhux registrata sa mit-8 ta' Novembru 2004.

In kontro-ezami, ix-xhud jindika li d-dghajsa nghalqitilha r-registrazzjoni taghha peress li Publius Zammit kellu jiehu xi dokumenti lill-Awtorita' Marittima u Zammit ma kienx hadhom, minkejja li l-Awtorita' kienet kitbet lil Zammit darbtejn ghal dawn id-dokumenti, u cioe' ittra wahda

datata 2 ta' Marzu 2004 li kienet registrata, izda x-xhud ma kellux notament jekk din l-ittra waslitx jew le, u ittra ohra datata 15 ta' Mejju 2004. Ix-xhud jindika li dawn l-ittri ntbghatu fl-indirizz St Albert, Flat 1, Triq Giorgio Mitrovich, Msida, li kien tahom Zammit stess. L-Awtorita' ma kellhiex informazzjoni dwar fejn kienet qieghda d-dghajsa.

**Il-Kaptan James Grixti** stazzjonat mal-Forzi Armati, xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2005, u qal li f'Marzu 2004 kien xoghol flimkien ma' diversi *patrol boats* tal-Forzi Armati u kien qieghed jaghmel *patrol* fil-fliegu bejn Kemmuna u Ghawdex u kien qieghed fuq *fast speed boat* Delta 1 u fil-vicinanzi kien hemm patrol boat Papa 31, kif ukoll *dinghy* zghir tal-Forzi Armati. Ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija, patrol boat Papa 31 informawh illi fuq ir-radar tieghu kien hemm *contact* ghaddej b'certa velocita' qawwija lejn id-direzzjoni Ta' Cenc u gie mitlub jinvestiga. Ix-xhud flimkien ma' zewg suldati tal-Forzi Armati, u cioe' Lance Bombardier Brimmer Christopher u Gunner Chetcuti Morgan marru jinvestigaw, u patrol boat Papa 31 beda jaghtihom aktar informazzjoni dettaljata u qal li din l-*ispeed boat* kienet wieqfa taht il-Forti ta' Chambray fil-post li jghidulu x-Xatt l-Ahmar. Marru minnufih bil-*fast boat* jinvestigaw dan il-*contact* u dak il-hin kien id-dlam. Kif waslu xi ghaxar metri quddiem l-ispeed boat li kellha hall blu, qiegh abjad u kien hemm zewg persuni ta' sess maskili abbord u kienu qed iharsu lejn l-art. Id-dghajsa kienet bil-poppa lejn l-art. Gunner Morgan Chetcuti xeghel is-search lights ghal fuq din id-dghajsa u ghajtu "ieqfu Forzi Armati", izda d-dghajsa l-ohra telqet *full speed* fid-direzzjoni tad-dghajsa tal-Forzi Armati u minnufih bdew insegwiment wara din l-*ispeed boat*.

Id-dghajsa kienet direzzjonata direttament lejn id-dghajsa tal-Forzi Armati, u saret manuvra minn Brimmer biex jiskapulaw id-dghajsa u ma tibqax diehla fihom. Matul l-insegwiment ix-xhud kien xeghel il-*blue light* li hija l-*law enforcement light* u wzaw il-*loud hauler* u beda jghid *"Forzi Armati ieqfu, ghax inkella nisparaw"* u din it-twissija x-xhud irrepetiha ghal hafna u hafna drabi. Minkejja dan l-*ispeed boat* xorta baqghet sejra. Meta gew fiz-zona ftit 'il barra minn tax-Xlendi u f'dik is-sitwazzjoni kien hemm hafna *exhaust* mill-*ispeed boat* l-ohra u l-Forzi Armati tilfu l-kuntatt viziv maghha. Il-Papa 31 kien ukoll qieghed isegwi dan l-insegwiment permezz tar-radar u ghalhekk il-kuntatt mad-dghajsa qatt ma ntilef u gew infurmati li kienet sejra lejn id-direzzjoni tal-Gnejna. Ix-xhud u s-suldati tieghu bl-ghajnuna tan-*night vision* ippozizzjonaw ruhhom madwar mitejn metru 'l boghod minn l-ispeed boat li dahlet bil-mod il-mod gewwa l-bajja tal-Gnejna, fejn kien hemm kalma assoluta u ebda movimenti. Huma stennew sakemm l-ispeed boat ittrakkat ma' moll u kif tfew il-magni, marru bid-dghajsa tal-Forzi Armati fuqhom li permezz taghha mblukkaw l-*ispeed boat* mal-moll. Meta kienu qishom 25-30 metru 'l boghod, wiehed miz-zewg persuni li kienu fuq l-ispeed boat suspettata lahaq nizel biex jorbot habel fuq in-naha tal-lemin tad-dghajsa u dan biex jorbot il-poppa tad-dghajsa. Iz-zewg suspettati ndunaw li kien hemm tal-Forzi Armati u harbu minnufih minkejja t-twissija li saret biex jieqfu nkella jigu sparati t-tiri. Ix-xhud kien bil-qieghda fis-*seat* tal-*co-pilot* fuq id-dghajsa taghha u pprepara ruhu biex jaqbez minn god-dghajsa ghal fuq l-art u qam bil-wieqfa fuq is-*seat* tieghu. F'dak il-hin, l-*ispeed boat* tal-Armata bdiet tersaq lejn l-i*speed boat* suspettuza biex titrakka maghha, u kif kienu qeghdin jaghmlu dan, ix-xhud kien gia fuq is-seat tal-co-pilot, is-suspettati li kienu harbu minn fuq il-post ma waqfux u b'hekk ix-xhud spara *warning shots* fuq il-

persuna li bdiet tigri fuq ix-xellug tal-bajja. Minkejja dan, dik il-persuna ma waqfitx.

F'dak il-hin id-dghajsa tal-Forzi Armati kienet ghadha qed tigi manuvrata u x-xhud kien qieghed jikkoncentra fuq il-persuna li kienet qieghda tigri fuq in-naha tax-xellug tal-bajja, li baqghet tigri u spara tiri ohrajn bhala *warning shots* u mhux fuq il-persuna u dan skont l-*istanding procedures* tal-Forzi Armati *rules of engagment, part 1 section 1 paragraph 27*. Ix-xhud jindika li z-zewg suldati li kienu mieghu marru fuq l-art, u Brimmer beda jigri wara l-persuna li kienet qieghda tigri fuq ix-xellug tal-bajja u Chetcuti beda jigri wara l-persuna l-ohra li kien qieghed jigri fuq in-naha l-ohra. Ix-xhud ha l-kmand tal-*ispeed boat* u harigha 'l barra mill-bajja u r-raguni kienet li hemm hafna sikek u ma riedx isir hsara lid-dghajsa u hareg f'nofs il-bajja. Brimmer u Chetcuti ghajtu lix-xhud u qalulu li s-suspettati kienu taht arrest maghhom. Ix-xhud rega' mmanuvra l-*ispeed boat* u rabatha mal-moll vicin tad-dghajsa l-ohra. Brimmer informa lix-xhud li wiehed mis-suspettati gie milqut b'arma tan-nar. Ix-xhud ghajjat lil Papa 31, il-*patrol boat*, talab ghal *helicopter* u *ambulanza*. Dak il-hin kellu d-dghajsa tieghu marbuta u ghajjat via radio lil Papa 31 u ghamel talba ghal *medical evacuation* u nforma x'kienet is-sitwazzjoni. Wiehed mis-suspettati kien taht arrest ta' Chetcuti u kif ix-xhud ghamel it-talbiet tieghu mar jara l-kundizzjoni tal-persuna li kienet giet milquta. Din il-persuna kienet imxarba hafna, kif kienu l-membri tal-Forzi Armati, u li kellu feriti li dehru li kienu saru b'arma tan-nar, wahda f'saqajh u l-ohra fi spaltu, izda ma jiftakarx liema naha. Din il-persuna kellha wicca thares lejn l-art, pero' dan kollu sar fid-dlam. Ix-xhud gharaf lil Publius Zammit li kien fl-awla, bhala wiehed mis-suspettati li ma kienx dak li gie ferut.

Qal li l-persuna feruta kienet zghazugha u kien qieghed jitlef id-demm, u ra l-polz tal-persuna li ma kienx f'parametri hziena. Jesmond Vella li kien fl-awla gie muri lix-xhud u x-xhud qal li bhala fizjonomija dan kellu wahda kompatibbli ma' dik tal-persuna feruta, izda din il-persuna kienet wiccha l-art u kien id-dlam u ghalhekk huwa ma kienx ra wiccu u kien aktar koncentrat fil-kundizzjoni medika tal-ferut. Il-ferut kien fir-*recovery position* u ghalhekk wiccu kien qieghed pjuttost lejn l-art. Wara dan kien wasal il-helicopter u tella' lil din il-persuna fuq il-bajja li ttiehdet l-isptar bl-ambulanza. Publius Zammit ma kienx immanetjat dak il-hin u kien taht sorveljanza ta' Chetcuti. Meta x-xhud kien fejn il-ferut sema' ghajjat u ra aggressjoni bejn Publius Zammit fuq persuna ohra li kienet fuq il-bajja li ma kenitx membru tal-Forzi Armati. Ix-xhud jghid li dakinhar stess u l-ghada saru nvestigazzjonijiet bil-patrol boat u bil-*land forces* u bughaddasa gewwa x-Xatt l-Ahmar u l-Gnejna.

Ix-xhud spjega li gewwa l-Gnejna sabu zewg mobiles li kienu fl-akwata fejn gew arrestati z-zewg individwi. Fix-Xatt l-Ahmar sabu ammont kbir ta' ghasafar, u fkieren, li nstabu ezatt fuq l-art fejn hemm il-moll. Ix-xhud jghid li l-Maggur Terribile kien prezenti meta nstabu dawn it-tjur u fkieren, u ma kienx hu li ta d-direzzjoni lill-Maggur Terribile biex ifittex gewwa x-Xatt l-Ahmar, pero' patrol boat Papa 31 kellha radar u kienet qieghda tara l-operazzjoni kollha.

**It-Tabib Mario Scerri** xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2005, fejn saret referenza ghar-relazzjoni tieghu li tinsab minn fol 89 sa fol 98 tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta li sehh

wara nsegwiment fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004 u ghan-nota tal-Avukat Generali li huma esebiti bhala Dok MSD1, u gharaf il-kontenut tal-istess rapport u l-firma tieghu fuq l-istess rapport, u li ma kellux x'izid jew inaqqas mir-relazzjoni.

**Robert A. Cardona** xehed nhar is-26 ta' Ottubru 2005, saret riferenza ghar-relazzjoni tieghu li tinsab minn fol 76 sa fol 87 tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta wara insegwiment li sehh fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004 u ghan-nota tal-Avukat Generali li huma esebiti bhala Dok MSD1, u gharaf il-kontenut tal-istess rapport u l-firma tieghu fuq l-istess rapport.

**PS659 Jeffrey Hughes u FS171 Karl Glanville,** it-tnejn stazzjonati FSL, xehdu konguntivament nhar l-14 ta' Dicembru 2005. Saret riferenza ghar-relazzjoni taghhom li tinsab minn fol 140 sa fol 157 tal-process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti dwar feriment ta' allegat kuntrabandist mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta wara insegwiment li sehh fil-Gnejna nhar it-13 ta' Marzu 2004 u ghan-nota tal-Avukat Generali li huma esebiti bhala Dok. MSD1, u gharfu l-kontenut tal-istess rapport u l-firma taghhom fuq l-istess rapport.

**PC 186 Christian Mintoff u PS 239 Joseph Caruana**, it-tnejn stazzjonati FSL xehdu fis-16 ta' Mejju 2006, u saret riferenza ghar-rapport taghhom li huma ghamlu wara li gew nominati mill-Magistrat Inkwerenti fl-inkjesta li nzammet fl-14 ta' Marzu 2004, u li kienu pprezentaw u kkonfermaw dwar incident li sehh gol-Bajja tal-Gnejna. Huma qraw il-

konkluzjonijiet taghhom fil-prezenza tal-imputat, u flimkien mal-istess relazzjoni hemm ezebiti ritratti u oggetti li huma gabru minn fuq il-post.

**Maggur Frank Gauci**, xehed nhar il-21 ta' Gunju 2006, u stqarr illi fit-13 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl rcieva messagg minghand il-Maggur Terribile tal-Forzi Armati li huwa stazzjonat Ghawdex, fejn kien informa li fix-Xatt l-Ahmar fil-limiti tal-Imgarr kienu nstabu hafna ghasafar hajjin go kaxex. Ix-xhud flimkien ma' ufficcjali ohra tal-pulizija nvestigaw dan ir-rapport u sab illi kien hemm 95 kaxxa li fihom kien hemm kwantita' ta' ghasafar tar-razza tal-virdun u gojjini gewwa Xatt l-Ahmar. Kien hemm ukoll zewg ghasafar tal-priza u fkieren. Ix-xhud jghid li huwa kien informa lill-Ispettur Maurice Curmi u bdiet investigazzjoni, saret inkjesta u marru fuq is-sit il-Pulizija. L-ghasafar u l-fkieren gew elevati, li ftit minnhom kienu mejta u mghoddija lill-iStaff Seargent Mizzi 85169. Ix-xhud ipprezenta dok FG1 u cioe' kopja tal-okkorrenza dwar ir-rapport li huwa rcieva, u dak iz-zmien huwa kien PS 755.

**Gunner 86644 Morgan Chetcuti** stazzjonat Haywharf mal-Forzi Armati, xehed illi fit-13 ta' Marzu 2004 kien stazzjonat Kemmuna *stand-by* fuq *speed boat* tal-Forzi Armati fejn ghall-hin li beda jidlam kienu rcevew kuntatt illi power boat kienet diehla b'xi velocita' qawwija lejn Ghawdex. Intercettaw din il-*power boat* mal-kosta ta' Ghawdex, ghamlulhom sinjal biex jieqfu izda ma waqfux. Xeghel is-*search lights* fuqhom u qalulhom li huma membri tal-Forzi Armati u talbuhom jieqfu ghax seta' jinnota li dak il-hin fuq il-power boat kien hemm zewg persuni u ghalkemm il-*power boat* kienet qed thares b'wiccha 'l barra mill-bajja dawn iz-zewg persuni

kienu qed iharsu lejn l-art. Meta dawna semghu l-kliem li kien qal ix-xhud, dawna harbu minn fuq il-post u saqu ghal fuq l-*ispeed boat* tal-Forzi Armati. Id-driver tal-Forzi Armati dawwar ghal fuq l-*istar board* biex jevita l-iskontru u segwuhom, izda dak il-hin ma lahquhomx. Hadu r-rotta lejn il-punent ta' Ghawdex u l-Forzi Armati baqghu jsegwuhom, kien hemm mumenti fejn tilfu l-kuntatt vizwali maghhom izda billi fil-vicinanzi kien hemm lanca tal-Forzi Armati li kellha radar fuqha, huma setghu jibqghu jafu l-pozizzjoni taghhom u baqghu jsegwuhom, sakemm il-*power boat* fil-bajja tal-Gnejna. Dan l-insegwiment dam sejjer xi siegha u kull darba li avvicinawhom bizzejjed kienu qeghdin jistiednuhom biex jieqfu u jaghtuhom twissija li jekk ma jieqfux kienu se jisparaw ghal fuqhom.

Fil-bajja tal-Gnejna baqghu sejrin direttament fuq il-power boat u rabtu maghha, dak il-hin kien ghad baqa' biss persuna wahda fuq il-*boat*, izda kien avvicinaw id-dghajsa dan telaq l-art, u z-zewg persuni telqu jigru. Ix-xhud u l-Bumbardier Brimmer qabzu l-art u segwewhom u nghataw istruzzjonijiet biex anke jisparaw *warning shots.* Meta sparaw, iz-zewg suspettati sseparaw, u x-xhud segwa lil wiehed u Brimmer segwa lill-iehor. Grixti baqa' fuq id-dghajsa tal-Forzi Armati. Ix-xhud ikkonferma li d-dghajsa kienet l-istess wahda li raw Ghawdex u li kienu qeghdin isegwu. Kull darba li sparaw it-tiri, dejjem qalu lis-suspettati biex jieqfu. Ix-xhud jghid li ghalkemm ma waqafx mill-ewwel, il-persuna li kien qieghed isegwi x-xhud, ftit wara waqaf, u wara sar jaf li dan kien Publius Zammit li x-xhud gharaf fl-awla, u li kien zamm taht il-kustodja tieghu u Brimmer kien ghadu jigri wara s-suspettat l-iehor. Dak il-hin mar fuq il-post gurnalist John Pisani biex jiehu ritratti u meta ra hekk Zammit hebb ghalih. Ix-xhud kien gie nfurmat li l-fizzjal u l-lance bombardier Brimmer

talbu l-assistenza ta' helicopter ghaliex waqt l-insegwiment il-persuna l-ohra, li rrizulta li kien Jesmond Vella, l-imputat l-iehor, kien intlaqat b'warning shot. Fuq il-post ghalhekk mar helicopter, ambulanza u hadu l-kustodja taz-zewg persuni. Marru wkoll il-Pulizija fuq il-post. Ix-xhud jghid li dejjem ikkoncentra fuq id-dghajsa u fuq minn kien fiha u bhala membri tal-Forzi Armati kienu liebsin l-uniformi taghhom ta' kulur blu u fuqha bullet proof jacket ta' kulur iswed.

**Lans Bumbardier 86297 Christopher Brimmer**, stazzjonat Maritime Squad tal-Forsi Armati, xehed nhar il-21 ta' Gunju 2006, u stqarr illi fit-13 ta' Marzu 2004 fi nzul ix-xemx, hu flimkien ma' zewg fizzjali ohra kienu stazzjonati Kemmuna fuq power boat Delta 1, kienu rcevew informazzjoni illi kienet qed tavvicina l-Gzira ta' Ghawdex speed boat li kienet diehla b'velocita' qawwija. Kienu nghataw istruzzjoni biex jintercettaw din l-*ispeed boat* u segwewha, kienet gejja minn taht Ta' Cenc, waqfet taht il-Fortizza ta' Chambre, u ghaddiet minn quddiem il-port tal-Imgarr u baqghet sejra. Avvicinaw id-dghajsa li kellha kulur blu u kkostataw illi kienet wieqfa, u kellha l-pruwa taghha thares lejn l-art biz-zewg muturi ta' kulur abjad fuq il-poppa jharsu lejn l-art u fuqha kien hemm zewg persuni li kienu qed iharsu lejn l-art. Ix-xhud u shabu xeghlu s-*search light* u nfurmaw lil dawn is-suspettati li huma membri tal-Forzi Armati u kienu qed jghidulhom biex jieqfu. Ix-xhud jghid li wiehed minn dawn il-persuni li kienu fuq id-dghajsa saq b'velocita' qawwija fid-direzzjoni tal-*ispeed boat* tal-Forzi Armati. Ix-xhud kien qieghed jiggwida d-dghajsa tal-Forzi Armati u saq minn fuq il-post u gibed l-ewwel lejn il-lemin, biex jevita l-iskontru.

Il-persuni bl-ispeed boat daru lejn ta' Cenc u x-xhud u shabu segwewhom u waqt li kienu qeghdin isegwuhom huma xeghlu l-*blue light* u kellhom s-*sirena* taghti biex jindikawlhom li huma membri tal-Forzi Armati. Uzaw ukoll il-*loud haulers* biex jidentifikaw ruhhom. Baqghu jsegwuhom sakemm qabzu l-port tax-Xlendi, u dawra u regghu bdew ir-rotta lejn Chambre, cioe' lejn id-direzzjoni t'isfel, aktar lejn ta' Cenc, imbaghad gibdu lejn Malta u baqghu sejrin lejn il-Gnejna. Zammew distanza qasira bejn iz-zewg dghajjes. Ix-xhud kien qieghed juza n-*night vision* biex ikun jista' jsegwi ahjar. Meta dahlu l-Gnejna naqqsu l-velocita' u x-xhud flimkien ma' shabu setghu jinnotaw li s-suspettati kieku ttrakkaw man-naha tax-xellug fejn hemm qisu moll. Bin-*night vision* ix-xhud innota li dawn kienu qeghdin jorbtu l-lanca taghhom mal-moll b'heffa kbira, huma avvicinawhom bil-mod u baqghu jidentifikaw ruhhom bhala membri tal-Forzi Armati u qalulhom li jekk ma jieqfux, huma se jisparaw, izda meta avvicinaw is-suspetatti huma qabzu u telqu jigru t-tnejn.

Il-membri tal-Forzi Armati ttrakkaw vicin id-dghajsa suspettata, u x-xhud u l-gunner Chetcuti qabzu l-art ghal wara s-susspettati u hallew id-dghajsa f'idejn il-fizzjal li kien maghhom. Qabzu l-art, u bdew isegwu s-susspettati u dawn isseparaw, wiehed baqa' sejjer 'l fuq u l-iehor mar fuq ix-xellug, u ghalhekk ix-xhud beda jigri wara wiehed minnhom u Chetcuti gera wara l-iehor, u sparaw erba' *warning shots*. Ghalkemm ix-xhud baqa' javza lis-suspettat li jekk ha jibqa' jigri huwa kien se jispara, is-suspettat baqa' jigri u x-xhud spara *containing shots*, u cioe' li beda jispara fuq il-lemin u fuq ix-xellug tieghu. Mill-pozizzjoni li kellu x-xhud kien qieghed jispara ftit metri quddiem is-suspettat, u s-suspettat baqa' jigri u wara li x-xhud spara seba' tiri ohra dahhal il-pistola u gera warajh

fuq il-blat, izda wara nduna li dan waqa' u dan peress li fejn kienu kien bil-blat, kien id-dlam u ma kienx post li wiehed seta' jigri. Ix-xhud kien qieghed izomm xi tletin metru wara s-suspettat. Wara li dan waqa' qam minn l-art u rega' pprova jitla' xi bicca ohra imma mbaghad waqaf ghal kollox. Meta x-xhud avvicina s-suspettat, dan qallu li kien migugh f'saqajh, dirghajh u xi post fejn qalbu. Ghalhekk, ix-xhud ghajjat ghall-ghajnuna, u nforma lis-superjuri tieghu.

Ix-xhud baqa' jissorvelja lis-suspettat u ftit wara gie l-*helicopter* u giet anke l-ambulanza u giet l-ghajnuna, kif ukoll xi membri tal-Pulizija. Ix-xhud gharaf lill-persuna li segwa bhala Jesmond Vella li kien prezenti fl-Awla. Jghid illi l-imputat Publius Zammit rah taht il-kustodja ta' Gunner Chetcuti u gharfu fl-Awla, u jaf ukoll peress li kellu jintervjeni x-xhud stess ghax ra li kellu xi jghid ma' xi reporter u l-kollega tieghu u mar biex iferraqhom. Ix-xhud jghid illi huwa ma kienx jaf liz-zewg imputati qabel l-incident. Ix-xhud jghid ukoll illi meta giet intercettata d-dghajsa ma setax jinnota jekk kienx hemm xi haga mal-art, izda sar jaf li nstabu kannestri bl-ghasafar. Ix-xhud jikkonkludi li l-post ezatt fejn l-imputati kienu qeghdin weqfin meta ntercettawhom l-ewwel kien fix-Xatt l-Ahmar.

**Il-Maggur Claudio Terribile,** stazzjonat mal-Forzi Armati ta' Malta, xehed nhar il-21 ta' Gunju 2006, u qal li fit-13 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl kien qieghed inkarigat mill-ufficcjali tieghu sabiex imexxi *search party* fl-inhawi ta' Xatt l-Ahmar Ghawdex fejn allegatament kien hemm xi kuntrabandu. L-istruzzjonijiet ircevihom mill-*operations room* ta' Luqa Barracks, u hu flimkien ma' erba' membri ohra tal-Forzi Armati wasal fuq il-post ghall-habta tal-hdax u nofs ta' dakinhar stess u

hemmhekk ma' xatt il-bahar sabu tlettax-il munzell ta' kaxxi tal-plastic, qishom kaxxi li jintuzaw il-pitkalija marbutin ma' xulxin b'tight clips tal-plastic, meta ghoddew il-kaxxi sabu li kienu mija u tmenin kaxxa. Tlettax-il kaxxa kienet vojta imma l-ohrajn kellhom ghasafar u ta' taht nett kellhom il-fkieren. L-ghasafar kienu *greenfinch* u *linnets*. Fil-vicinanzi sabu wkoll kaxxa tal-kartun li kienet mghottija b'kutra u meta nvestigaw sabu zewg ghasafar tal-priza go fiha, li gew identifikati minn suldat iehor li kien max-xhud bhala *buzzards*. F'kull kaxxa gie kkalkulat li kien hemm bejn hamsin u tmenin ghasfur u setghu jikkostataw illi hafna mill-ghasafar li kienu fuq in-naha ta' fuq tal-kaxxi kienu diga' mejtin. Xi tletin metru 'l boghod sabu fender ta' kulur organjo u sabu wkoll xi ghodod li kienu *wheel braze* ta' karozza, mazza u sega. Ghalhekk ix-xhud informa lill-*operations room* tal-Forzi Armati u l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex.

Marru fuq il-post ufficcjali tal-Pulizija, u cioe' l-Ispettur Maurice Curmi, PS755 Frank Gauci u PS1040 Grima. Fuq istruzzjonijiet tal-esperti li marru fuq il-post, gew mghobbija l-kaxxex li kien fihom l-ghasafar u l-fkieren u haduhom il-port tal-Imgarr Ghawdex fejn ghabbewhom fuq il-patrol boat tal-Forzi Armati. Sakemm marru fuq il-post l-esperti ghall-habta tas-siegha u nofs ta' filghodu, ix-xhud kien ta struzzjonijiet lis-suldati sabiex jestendu t-tfittxija taghhom fuq iz-zewg nahat tal-bajja ta' Xatt l-Ahmar izda din it-tfittxija ma tatx rizultati pozittivi.

**Maggur 162 Jospeh Howard**, stazzjonat CID, xehed nhar it-8 ta' Novembru 2006, u stqarr li fit-13 ta' Marzu 2005 kien qieghed xoghol bil-lejl u l-Pulizija kienu gew infurmati li kien hemm xi intervent tal-Forzi

Armati rigward zewg persuni fil-bajja tal-Gnejna. Ix-xhud kien mar fuq il-post u wara marru l-esperti forensici tal-Pulizija u x-xhud kien eskorta d-dghajsa mill-Gnejna ghall-Kwartieri Generali tal-AFM Maritime Squad. Nhar l-14 ta' Marzu 2005, il-Pulizija gew infurmati li kienu nstabu xi affarijiet minn bughaddas tal-AFM fil-bahar tal-Gnejna. Ix-xhud flimkien ma' PS90 Geoffrey Gerada marru fuq il-post hdejn il-bughaddas li kien sab *satellite phone* b'torch li kienet ghadha tixghel u zewg combi tal-bughaddasa li jintuzaw bhala weights, li nstabu vicin tad-dghajsa, izda ma kienx rahom il-gurnata ta' qabel peress li kien id-dlam. Dawn gew mghoddija lill-esperti tal-forensika ghal aktar investigazzjonijiet. Ix-xhud kien akkumpanja lill-bughaddasa gewwa x-Xatt l-Ahmar Ghawdex u saret tfittixja fil-bahar bil-patrol boat 23, izda dina rrizultat fin-negattiv. Meta mar il-Gnejna l-ewwel darba kien hemm l-imputat prezenti, Publius Zammit.

**Staff Sergeant 81569 Raymond Mizzi**, xehed fit-8 ta' Novembru 2006 u qal li fl-14 ta' Marzu 2004 kien qieghed xoghol u gie ordnat mill-Kap tieghu l-Maggur Cauchi li kien qieghed imexxi l-operazzjoni sabiex jipprocedi lejn ic-Cirkewwa bil-patrol boat. Ix-xhud ma kienx cert kienx il-P23 jew P24. Kellu jmur jghabbi tliet persuni tal-Forensika tal-Pulizija biex jehodhom l-Imgarr Ghawdex biex jghabbu xi kaxxi li kienu nqabdu u jigu trasferiti ghall-bazi Marittima tal-AFM f'Xatt it-Tiben. Kien hemm 'il fuq minn disghin kaxxa li ttiehdu ghall-bazi Marittima.

**PC807 Felix Vella** xehed nhar it-8 ta' Novembru 2006, u qal li fl-14 ta' Marzu 2004 kien qieghed xoghol u nghata struzzjonijiet dakinhar mill-Ispettur Michael Mallia li flimkien ma' PS90 kien hemm l-imputat Publius

Zammit li x-xhud gharaf fl-Awla, imorru Ghawdex biex isiru tfittixjiet gewwa garaxx bla numru fi Triq il-Wied ir-Rghajjes, Ghajnsielem Ghawdex, u minn hemm gie elevat GPS li kien barra l-kaxxa u li mieghu kien hemm ircevuta numru 001210, u wara marru x-Xatt l-Imgarr u kien hemm Suzuki Jeep HAD-203, li maghha kien hemm karru twil ta' dghajsa, fiha kien hemm biljetti tal-Gozo Channel u balaklavi. Ix-xhud jghid li ma jiftakarx kienx GPS jew strument iehor. Jghid li l-affarijiet li gew elevati ttiehdu Malta u gew mghoddija lill-Ispettur Michael Mallia.

**Bonnie Farrugia** rapprezentanta tal-MEPA, xehdet nhar it-8 ta' Novembru 2006, u tghid li l-MEPA qatt ma rceviet applikazzjonijiet a bazi tal-Washington Convention 1973 minghand l-imputat u li l-imputat qatt ma ghamel talba biex jimpurta ghasafar jew annimali.

**Spettur Simon Galea**, xehed nhar it-12 ta' Dicembru 2006, fejn gie muri Dok. MSP3 u kkonferma li hija vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Carol Peralta liema sentenza hija datata 10 ta' Mejju 2000 u li hija fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Dominic Micallef, Spettur Simon Galea) vs Alexander Cardona u Publius Zammit.** Ix-xhud jikkonferma li kien wiehed mill-Ufficcjali Prosekutur fil-kawza u gharaf lill-imputat Publius Zammit bhala l-istess persuna li kien instab hati permezz tal-istess sentenza.

**Spettur Joseph Cordina**, xehed nhar it-12 ta' Dicembru 2006, fejn gie muri Dok. MSP1 u kkonferma li hija vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Antonio Micallef Trigona liema sentenza hija datata 11 ta' Novembru 2003 u li

hija fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Joseph Cordina) vs Jesmond Mary Vella**. Ix-xhud jikkonferma li l-Ufficcjal Prosekutur fil-kawza u gharaf lil Jesmond Mary Vella bhala l-istess persuna li kien instab hati permezz tal-istess sentenza.

**Spettur Maurice Curmi** xehed nhar it-12 ta' Dicembru 2006, fejn iddikjara li fit-13 ta' Marzu 2004, il-Maggur Claudio Terribile mill-AFM informa lill-Ghassa tar-Rabat Ghawdex li ftit aktar kmieni kien gie ordnat jaghmel xi tfittxijiet gewwa Xatt l-Ahmar fil-Limiti ta' Ghajnsielem u dan wara li kienet dahlitilhom informazzjoni ta' kuntrabandu ta' ghasafar, u li kienu nizlu xi nies tal-AFM u sabu fuq ix-Xatt ma' genb xi *boat houses*, kaxxi li kienu mimlija ghasafar u fkieren u tajr kbir li kien protett. Ix-xhud mar flimkien ma' Pulizija ohra u raw dawn l-ghasafar u kien hemm numru kbir ta' kaxxi kollha mimlijin ghasafar li hafna minnhom kienu gia mejta. Ix-xhud gie nfurmat li kien hemm membri tal-AFM jigru wara xi nies fuq l-ispeed boat vicin ic-Cirkewwa. Il-Pulizija kienu baqghu hemm sakemm marru tas-SOCO, PS171 Glanville u PS659 Hughes, fejn hadu r-ritratti tal-kaxxi kollha. Il-kaxxi ttiehdu mill-AFM. Ix-xhud ipprezenta rapport datat 14 ta' Marzu 2004 li gie mmarkat bhala Dok. MC1.

**Lance Bombardier 85909 Simon Agius** xehed nhar it-12 ta' Dicembru 2006 u stqarr illi huwa bughaddas mal-Forzi Armati ta' Malta u kkonferma illi f'Marzu 2004 kellu ordni mill-operations room tal-AFM sabiex hu u kollegi tieghu jmorru l-Gnejna sabiex jaghmlu tfittxija. Marru hu u Bumbardier Joe Saliba, u nizel il-bahar ix-xhud biss u fittex l-islip way tal-Gnejna u fittex fil-bahar, fejn sab *torch* li kienet qieghda f'qiegh il-bahar u kien hemm ukoll satellite phone. Ix-xhud tellaghhom u ghaddihom lil PS162 Howard. Ghamel ukoll tfittxija fiz-zona ta' Chambray, izda ma sab xejn.

In kontro-ezami x-xhud jghid li z-zewg zoni kien fittex fihom bi nhar u meta fittex il-Gnejna kien hemm ukoll PS 162 Howard u Lieutenant Grixti. Ma ftakarx jekk kienx hemm membri ohra tal-AFM apparti Joe Saliba jew il-Pulizija meta ghamel it-tfittxija f'Ghawdex. Jispjega illi meta mar il-Gnejna kien hemm PS 162 Howard u l-Fizzjal Grixti tal-Maritime Squad fuq il-post. Ix-xhud jghid li hu gie nfurmat li l-oggett li tella' mill-bahar kien *satellite phone.*

**Bombardier 85157 Joseph Saliba** xehed nhar it-12 ta' Dicembru 2006 u qal li f'Marzu 2004 inghata ordni flimkien ma' Lance Bombardier 85909 Simon Agius sabiex jghoddsu gewwa l-Gnejna. Jispjega li Agius kien ghodos u hu qaghad ghassa fuq l-art. Agius kien tella' mieghu *torch* u *satellite phone* li kien sab f'qiegh il-bahar, u ma ftakarx lil min kienu gew mghoddija dawn l-affarijiet, izda ftakar li kien hemm PS562 Howard prezenti, kif ukoll xi fizzjal tal-iskwadra marittima. Ix-xhud jghid li hu u Agius kienu nghataw l-ordni li jaghmlu tfittxija f'Ghawdex ukoll fiz-zona ta' Chambray. Hemmhekk nizel Agius u t-tfittxija kienet irrizultat fin-negattiv.

**Supretendent Pierre Calleja** xehed nhar it-23 ta' Marzu 2007 u ghamel riferenza ghal Dok. SNP2 u kkonferma li hu kien l-Ufficcjal Prosekutur u li d-dokument huwa vera kopja fotostatika tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr Patrick Vella fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Calleja, Spettur Emanuel Cassar) vs Jesmond Vella u Ivan Fenech.** Jghid ukoll illi wara dik is-sentenza kien gie ntavolat

appell da parti ta' Vella (Dok SNP2) izda dan l-appell kien gie dezert (Dok. SNP3) u ghalhekk is-sentenza tal-Prim Istanza saret definittiva.

**Surgent Maggur 496 Godwin Borg** xehed nhar l-4 ta' Lulju 2007 u ezebixxa Dok. SGM1 u cioe', kopja tal-okkorrenza li dahhal hu stess meta kien surgent gewwa l-ghassa tal-Mosta, rigward il-kaz in ezami li hija ffirmata minnu.

**Publius Zammit** xehed nhar it-3 ta' Dicembru 2008, u qal li d-dghajsa bl-isem Little China kien xtraha ghalih biex igawdiha flimkien mal-familja tieghu, u kien izommha f'garaxx f'Ghawdex, li qieghed xi nofs kilometru 'l boghod mill-bahar. Jghid li kellu l-hsara kemm fid-dghajsa u fil-karru, u kien ftiehem ma' Jesmond Vella sabiex fil-weekend jirrangaw id-dghajsa. Zammit kien bena d-dghajsa hu stess u ma kien qabbad lil hadd isewwiha peress li hu jifhem fid-dghajjes, u li kien se joqghod fil-flat fejn hemm il-garaxx li kien mikri lilu. Ix-xhud jghid li kien sejjer Ghawdex il-Gimgha wara x-xoghol u xtara GPS ghal habib tieghu Ghawdxi bl-isem John u ma jiftakarx kunjomu, u meta kien sejjer lejn Ghawdex rega' mar lura d-dar, peress li ra li l-bahar ma kienx tajjeb biex ihalli d-dghajsa fil-bahar u ghalhekk mar Ghawdex l-ghada s-Sibt wara nofsinhar.

Marru Ghawdex hu u Jesmond Vella xi tlieta jew t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Kienu nizlu d-dghajsa l-bahar bejn it-tlieta u nofs u l-erbgha u nofs, fejn hu nizel id-dghajsa l-bahar u Vella mar bil-karru u bil-jeep biex iqieghed il-karru fil-garaxx, matul dak il-hin ix-xhud rabat mal-moll u nnota li kien hemm bin fil-vicin tieghu u wieqfa ma' dan il-bin kien hemm xkora tal-iskalora mahmuga, ra li fl-ixkora mal-iskalora kien

hemm ftit rix. Ix-xhud jghid li peress illi huwa dilettant tal-ghasafar iddecieda li jigbor din l-ixkora biex jarbilha, u jghid li ghandu amorini.

Meta gabar l-ixkora kien wasal Vella. Ix-xhud jghid li l-hsieb tieghu kien li jpoggi d-dghajsa mal-pontun biex ikun jista' jsewwi l-karru l-ewwel, pero' wara biddel il-hsieb u ddecieda li jibda bit-tiswijja tad-dghajsa minflok bil-karru. Jghid illi t-tiswijja li kien hemm bzonn kien tal-mutur u mhux li beda jidhol l-ilma fiha, u ghalhekk qal lil Vella jmorru dawra biha, peress li kien ilu naqra ma juzaha, u ghalhekk hallew il-hbula u hargu bil-mod minn gol-port tal-Imgarr, ghal fuq il-lemin, u kien qieghed isuq ix-xhud. Meta hargu 'l barra waqfu d-dghajsa u bdew jippruvaw id-dghajsa u jsewwuha.

Huwa spjega li ghalkemm bdew isuquha, huma waqfu. Hafna drabi huma waqfu u regghu saqu d-dghajsa biex jippruvawha. Spjega illi l-problema li kellu fuq id-dghajsa kien jecessita illi wiehed isuq id-dghajsa. L-imputat jghid li huma gibdu lejn in-naha tal-punent bid-dghajsa u hargu bejn wiehed u iehor tmien mili ‘il barra mill-Kosta t’Ghawdex. Sussegwentement irrealizzaw li kien sar il-hin u beda jidlam. Spjega li bil-lejl huwa jsuq id-dghajsa b’certu *speed* u ghalhekk saq lura lejn il-port bil-mod.

L-imputat jghid li meta huma kienu dehlin lejn Ghawdex u kienu qisu bejn hames mija sa elf metru ‘l boghod mill-port tal-Imgarr, kien xeghel dawl ma’ wiccu ghax lahaq dalam u xi hadd minn fuq din id-dghajsa li kien gej id-dawl minnha beda jghajjat biex jieqfu ghax kien ser jispara. Fil-fatt dan id-dawl irrizulta li kien *search light* li kien ghal go wicchom.

Huwa jaf li kellu n-*navigation lights* mixghulin pero' din id-dghajsa li avvicinathom ma kellhiex *navigation lights* mixghulin. L-imputat seta' jara mid-dghajsa tieghu li kien hemm zewgt irjus fuq din id-dghajsa l-ohra u kienu lebsin balaklavi suwed u kienu jidhru t-toqob ta' ghajnejhom biss. Huwa stqarr illi dak il-hin haseb hazin ghax kellu problema ma' bniedem li kellu l-istess tip ta' dghajsa u ghalhekk huwa harab minn fuq il-post. Filfatt dan il-bniedem ghandu dghajsa tal-ghamla Phantom u d-dghajsa li avvicinathom f'din ic-cirkostanza kienet ukoll tat-tip Phantom. Spjega li din id-dghajsa hija dghajsa li tigri hafna u difficli li dghajjes ohra jilhquha.

Huwa jiftakar li fl-ebda hin ma kien hemm xi hadd minn dawk il-persuni li kienu lebsin balaklava sewda li kienu qalulhom li kienu suldati jew pulizija ghax kieku ghamlu hekk huwa kien jieqaf. L-imputat jaf li din id-dghajsa kienet xi tletin jew erbghin pied il-boghod mid-dghajsa tieghu fuq in-naha tax-xellug tieghu. Allura dan ifisser illi aktar huma setghu jsuqu ghal fuq l-imputat milli bil-kontra. Huwa cahad li kien dawwar id-dghajsa tieghu ghal fuq id-dghajsa ta' dawn il-persuni. Fil-fatt l-imputat spjega li hu kien qala' bicca 'l barra u cioe' xi tlieta jew erba' mili 'l barra u waqaf biex jitkellem ma' Jesmond Vella biex jaraw x'se jaghmlu. Wara huwa hareg 'il barra b'sahha tremenda u d-dghajsa l-ohra tilifha u ghalhekk iddecidew li jidhlu flimkien fejn hemm xi dawl biex imorru jaghmlu rapport l-Ghassa. Fil-fatt hekk ghamlu ghax x'hin raw dawl li kien gej mill-bajja tal-Gnejna dahlu bil-mod bid-dghajsa u trakkjaw mal-art. Huma ppruvaw ifittxu fejn jorbtu pero' ma sabux. Wara xi ghaxar minuti li kienu ilhom hemmhekk waqt li d-dghajsa kienet qieghda bil-

pruwa ‘l gewwa lejn il-blat, hin minnhom semghu dghajsa ohra qed tavvicinahom.

L-imputat spjega li hekk kif sema’ din id-dghajsa gejja, hares u nnota li kienet l-istess tip ta’ dghajsa u cioe’ tal-ghamla Phantom li kienu raw qabel u kien hemm tnejn min-nies li kienu fuq id-*deck* taghha u kienu bl-armi f’idejhom. Huwa ddikjara li minghajr ebda avviz ta’ xejn huma fethu n-nar fuqhom. L-imputat sostna li sema lix-xufier jghajjat “**spara, spara, spara”.** Dak il-hin din id-dghajsa kienet fid-dlam u x-xufier taghha lanqas biss lahaq spicca t-tielet kelma *“spara”* u bdew jigu sparati tiri ghal fuqhom. It-tiri li gew sparati kienu tiri frekwenti wiehed f’iehor ta’ *sub-machine gun*. L-imputat tenna li hekk kif kien qed idur biex jitlaq jigri, ra lill-ko-imputat jaghmel dawra fl-arja u waqa’ mal-art. Ghalhekk l-imputat telaq jigri u ghenu jqum u marru lejn blata li kienet faccata sabiex jistkennu mit-tiri. Dak il-hin Jesmond Vella ma qallux x’kellu izda ghalkemm l-imputat ghenu sabiex jitla’ mal-blata dan ma rnexxielux. It-tiri baqghu jigu sparati frekwentement u Jesmond Vella waqa’ mal-art.

Dak il-hin l-imputat haseb ghal rasu u tela’ fuq il-blata biex jistkenn. Sussegwentement iz-zewg persuni li kienu bil-balaklava bdew jigru ghal warajhom izda wara li l-imputat stahba wara blata, huma grew wara Jesmond.

L-imputat stqarr illi huwa kien qed isegwi kollox minn wara l-blata u ra li dak il-hin Jesmond kien lahaq qam. Spjega li kif dawn it-tnejn bdew jigru wara Jesmond, dawn spiccawlhom il-bullets tal-*machine guns* u qalghu l-pistoli mill-bwiet u bdew jisparaw lil Jesmond. Sadanittant Jesmond

intlaqat b'tir iehor f'saqajh u waqa'. L-imputat sostna li wara nnota lis-Suldat Morgan Chetcuti idahhal il-pistola f'postha, jaqbad il-machine gun, jaghmlu ma' wicc Jesmond u qallu "qbattek fl-ahhar". Dan is-suldat kien ghadu mghotti sa dak il-hin. Il-persuna l-ohra li kienet ghadha mghottija bil-balaklava mar lejn Jesmond u kellu *torch* f'idejh. X'hin wasal dan taptap bit-torch fuq spallet il-persuna l-ohra li kien bil-balaklava u qallu *"le, le mhux hu x'inti tghid."* X'hin l-imputat sema dan il-kliem, qalbu kibret u haseb li dan mhux ghalih. Sussegwentement dawn il-persuni nezghu l-balaklavi u rrealizza li kienu suldati. Ghalhekk hareg minn fejn kien mohbi u beda jisma' lil Jesmond jokrob u jsaqsihom ghalfejn sparawlu.

L-imputat kompla jghid li mbaghad inqalghu n-nies. Huwa wara sar jaf li Jesmond kien l-ewwel darba ntlaqghat b'tir gewwa spaltu vicin qalbu u t-tieni darba kien intlaqat f'saqajh. L-imputat stqarr illi dak il-hin huwa beda jghajjat ma' min kien spara u laqat lil Jesmond. Is-suldati bdew jallegaw dwar xi kuntrabandu u droga u huwa wegibhom li ma kien jaf b'xejn dwar dan. Sussegwentement gew il-Pulizija u haduhom ghall-interrogatorju d-Depot. Huwa sostna li d-dghajsa Phantom xeghlet id-dawl blu wara li spiccalhom il-munizzjon u bdew gejjin in-nies.

L-imputat kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li fil-15 ta' Marzu 2004 fl-ufficcju tal-Ufficjal Prosekutur huwa kien irrilaxxja stqarrija wara li kien inghata s-solita twissija skond il-Ligi. Waqt il-kontro-ezami, inqrat l-istqarrija tal-imputat (Dok. MM 6) mill-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Michael Mallia u huwa kkonferma l-kontenut kollu ta' din l-istqarrija.

B’referenza ghal GPS li kien xtara wara li kien talbu siehbu l-Ghawdxi John biex jixtrihielu huwa qal li kien xtrah minghand il-Mecca ta’ San Pawl il-Bahar u kien tahulu qabel ma filfatt kien hareg bid-dghajsa fic-cirkostanza dwar l-incident illi semma. Mistoqsi ghalfejn ma kien semma xejn dwar il-GPS waqt l-istqarrija li rrilaxxa wiegeb li l-Pulizija ma kienux staqsewh dwarha. Fil-fatt il-Pulizija kienu staqsewh jekk kellux GPS u kien wegibhom li tieghu kien insteraq. Huwa spjega li l-kaxxa tal-GPS li kien hemm fil-garaxx tieghu hija dik li fiha kien xtara l-GPS li ta lil John. Dan kien halla l-kaxxa hemm u ha l-GPS. Fil-fatt il-kaxxa li fiha l-ircevuta kienet il-kaxxa li fiha huwa kien xtara l-GPS ghal siehbu John. Fil-fatt John kien halla l-ircevuta mal-kaxxa vojta fil-garaxx tal-imputat.

L-imputat spjega li dakinhar huwa u Jesmond Vella waslu Ghawdex bejn is-saghtejn u nofs u t-tlieta ta’ wara nofsinhar. Wara u cioe’ bejn it-tlieta u nofs u l-erbgha ta’ wara nofsinhar nizzlu d-dghajsa l-bahar u xi l-hamsa ta’ wara nofsinhar hargu bid-dghajsa. Huwa spjega li John gie ghal GPS x’hin kienu ghadhom kemm waslu hdejn il-garaxx. Dan John kien diga hallas il-flus minn qabel u l-imputat tah il-GPS. Huwa sostna li l-Pulizija ma talbitux biex jispjega l-kaxxa u l-ircevuta li kien hemm fiha. Pero’ dak il-hin kienu l-Pulizija li sabu din il-kaxxa gewwa l-garaxx tieghu. L-imputat spjega li huwa kien qal lil John illi seta’ jigi ghall-GPS wara nofsinhar tas-Sibt meta huwa kien sejjer biex jitla’ minn Ghawdex. L-imputat kien cempillu fuq il-mobile minn *telephone box* minn Malta b’*card* ghax dak iz-zmien kellu n-numru ta’ John, pero’ ddikjara li llum-il gurnata n-numru m’ghadux ghandu.

Mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur sabiex jispjega kif it-tip ta’ rix ta’ tjur li nstabu fid-dghajsa tieghu kien l-istess tip ta’ rix ta’ tjur li kienu nstabu fix-Xatt l-Ahmar wiegeb li huwa ma jistax jaghti spjegazzjoni dwar dan. Huwa kull ma qal hu li l-borza bir-rix kien gabarha, tellaha fuq id-dghajsa u poggiha hdejn saqajh. Din il-borza kienet tal-karti u probabilment kienet borza ta’ sigaretti. L-imputat jiftakar li meta saq b’certu speed, din il-borza kienet ghosfrot u kien baqa’ xi skalora mferrxa ma’ kullimkien. Huwa stqarr illi bilfors kellu jghaddi minn hdejn ix-Xatt l-Ahmar ghax dan ix-xatt imiss ezatt mal-port tal-Imgarr. Huwa ppreciza li dak iz-zmien ma kienx jaf li kien jismu x-Xatt l-Ahmar. L-imputat sostna li huwa qatt ma waqaf fix-Xatt l-Ahmar u ghadda xi tliet mitt metru ‘l boghod minn dan ix-xatt.

Ghalhekk iddikjara li ma jistax ikun li l-Forzi Armati rawh wieqaf hemmhekk. Huwa stqarr illi s-suldati li ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda tieghu sar jaf min kienu wara l-incident. L-imputat sostna li dawn is-suldati riedu jpattuha lil xi hadd iehor u spicca ndahal fin-nofs hu.

L-imputat ghamel referenza ghal persuna li huwa kien semma qabel li kellu wkoll dghajsa Phantom u li huwa beza’ li seta’ kien hu meta kien ra l-ewwel darba d-dawl u d-dghajsa Phantom li semma, wiegeb li dan huwa Charles Butler. Huwa beza’ minn dan Charles Butler ghax jaf li huwa ragel li jasal peress li kien jaghmilha mieghu u dan Butler kien jissuggerilu biex jaghmel xi affarijiet li huwa ma jkunx irid. L-imputat stqarr illi mbaghad huwa dejjem qaghad il-boghod minnu ghax jaf illi jasal.

Huwa kkonferma li d-dokumenti MSM1 u MS 2 huma dwar *tracking* u juru d-direzzjoni li ghadda minnhom hu. L-imputat stqarr illi dawn huwa kien ghadda minnhom hekk pero' ma jistax jghid li huma tieghu. Huwa ddikjara li ma jaf xejn dwar dawk ic-cestuni li allegatament instabu gewwa x-Xatt l-Ahmar bl-ghasafar.

**Marlon Caruana** xehed fit-13 ta' April, 2010 fejn iddikjara li fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Marzu 2004 huwa kien qieghed il-Gnejna gewwa garaxx taghhom u qal li huwa kien qieghed jaghmel *barbecue* ma' shabu. Dan il-*barbecue* kien beda xi t-tmienja ta' filghaxija u mbaghad kien dalam sew. Ix-xhud tenna li l-*barbecue* kienu qeghdin jaghmluh barra 'l garaxx. Huwa spjega li huwa u shabu raw dghajsa diehla u kellha d-dawl mixghul u raw tnejn minn nies ta' sess maskili li nizlu minn go din id-dghajsa. Din id-dghajsa kienet waqfet f'zona mal-blat li huma jghidulha "*Chicken*". Ix-xhud spjega li din hija zona fejn torbot u fejn jidhlu d-dghajjes.

Ix-xhud spjega li dawn in-nies ma kienx jaf min huma, ghalkemm issa qed jaghrafhom bhala l-imputat prezenti fl-Awla u Jesmond Vella. Hin minnhom ix-xhud qal li semghu min beda jghajjat "*spara, spara*" u mbaghad semghu tiri. Ix-xhud spjega illi kien id-dlam u allura ma kienx f'pozizzjoni li jghid min seta' qal dak il-kliem. Id-dawl li kien hemm kien gej minn bozza tal-Gvern li tinsab hdejn il-garaxx taghhom u kien hemm dawl li kien gej minn din id-dghajsa li minnha nizlu l-imputati.

Ix-xhud tenna li l-isparar kien repetittiv qisu sparar ta' *machine gun*. Imbaghad huwa ma rahomx aktar iz-zewg imputati. Ix-xhud jiftakar li ftit tal-hin wara gie *helicopter* fuq il-post u nnutaw ukoll dawl blu fil-bahar li kien jindika dghajsa tal-Pulizija. Huwa spjega li fil-hin li sema' min jghajjat "*spara*" u anke waqt il-hin li sema l-isparar, din id-dghajsa l-blu ma kinitx tidher u lanqas id-dawl taghha blu ma kien jidher. Ix-xhud tenna li x'hin huma raw din is-sitwazzjoni, gabru l-affarijiet taghhom u telqu 'l fuq. Huwa spjega li bejn il-hin illi sema l-isparar u x'hin imbaghad ra l-*helicopter* u d-dghajsa kienet ghaddiet xi kwarta, mhux iktar minn nofs siegha. Huwa gharaf lill-imputati bhala l-persuni li nizlu minn dina d-dghajsa li semma ghax huma wara li kienu telqu minn fejn kienu qeghdin jaghmlu dan il-*barbecue* nizlu hdejn fejn kien hemm l-imputat u rawhom hemmhekk.

Huwa stqarr illi in kwantu ghall-imputat Publius Zammit, dana f'perjodu wara dan l-incident kien gie biex isirlu xi xoghol fil-post fejn jahdem hu bhala tellar u b'hekk kien iltaqa' mieghu l-ewwel darba. Huwa spjega li qabel ma kien tkellem dwar dan l-incident mal-imghallem tieghu u dan kien qallu li kien jaf lil wiehed minnhom rigwardanti dan l-incident u filfatt dakinhar li kien gie l-imputat Zammit kien qallu li dan kien wiehed minnhom. Sussegwentement ix-xhud kien tkellem ftit fuq l-incident mal-imputat Publius Zammit.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li bejn il-post fejn kienu qeghdin huma u l-post fejn nizlu l-imputati bid-dghajsa kien hemm tul ta' xi tliet darbiet tul l-Awla. Huwa kkonferma li huwa kien sema l-muturi tad-dghajsa jahdmu li fiha kienu l-imputati meta din giet biex

tirranka halli tieqaf mal-moll. Sussegwentement raw id-dghajsa tal-Pulizija bid-dawl blu mal-moll in-naha l-ohra fejn kienet id-dghajsa tal-imputat. Huwa ddikjara li d-dghajsa tal-Pulizija rawha x'hin inxteghel id-dawl blu tad-dghajsa. Spjega li x'hin sema l-isparar, id-dghajsa bid-dawl blu ma kienx raha.

Mistoqsi jekk kemm-il darba huwa kienx cert li din id-dghajsa bid-dawl blu kinitx tal-Pulizija jew tal-Forzi Armati qal li huwa ma jafx pero' haseb li peress li ra d-dawl blu li kienet tal-Pulizija. Huwa spjega li d-dghajsa li nizlu minnha l-imputati kellha d-dawl mal-gnub mixghul u kellha bhal bozza tixghel gewwa d-dghajsa. Ix-xhud ra meta dina d-dghajsa trakkat mal-moll, l-imputat u Jesmond Vella qabzu minn fuq id-dghajsa ghal fuq il-moll u bdew izommu l-hbula tad-dghajsa u mbaghad kien hemm l-isparar. Hekk kif semghu l-isparar, huwa u shabu dahlu gewwa l-garaxx.

**William Spiteri** xehed fis-17 ta' Settembru 2010 u ddikjara li f'Marzu tas-sena 2004 huwa kien qieghed il-Gnejna gewwa garaxx ma' habib tieghu jaghmlu *barbecue*. Dan il-garaxx huwa sitwat hdejn il-bajja ezatt. Huwa jiftakar li t-temp ma kienx la xitwi u lanqas sajfi pero' ma kinitx kesha. Huma gieli ghamlu *barbecue* f'dan il-lok. Ix-xhud spjega li l-hin kollu kien beda diehel u hiereg mill-garaxx. Huwa ra d-dghajsa fil-bajja bid-dawl quddiem b'zewg (2) persuni fiha. Huwa nnota illi din id-dghajsa kienet tefghet mal-moll tal-Gnejna u ma kien hemm xejn aktar hlief din id-dghajsa. Huwa ma jidhirlux li kien hemm nies ohrajn fil-bajja.

Ix-xhud jiftakar li kienu nizlu zewg persuni minn din id-dghajsa b'mod normali. Huwa mbaghad dahal fil-garaxx u sema' xeba' ghajjat '*spara,*

*spara, spara'*. Ghalhekk hareg jittawwal u sema' hafna sparar. Huwa spjega li s-sid tal-garaxx huwa certu Marlon u b'kollox kienu ghaxra min nies ghal *barbecue*. Huwa ddikjara li hekk kif semghu l-isparar dahlu kollha fil-garaxx. Ix-xhud spjega li dak il-hin kien dlam b'tali mod li wicc ta' persuna ma tarahx. Fil-post kien hemm bozza wahda tal-Gvern li turi ftit u kienet mixghula.

Wara ftit raw dawl blu u raw helicopter. Hargu jittawlu u raw dghajsa ohra wara dik id-dghajsa li kien semma qabel. Huma nnutaw li kien hemm dawl blu mixghul u kien hemm il-Pulizija. Ix-xhud jahseb li z-zewg persuni li nizlu mill-ewwel dghajsa kienu zewgt irgiel pero' mhux f'pozizzjoni li jaghrafhom. Huwa spjega li x'hin kien sema l-ghajjat "*sparaw, sparaw*" ma kienx hemm dawl blu mixghul. Fil-fatt id-dawl blu tfacca wara li kien hemm l-isparar u gie l-*helicopter*. Ix-xhud sostna li x'hin kien hemm l-isparar, huma bezghu u dahlu lura fil-garaxx. Huwa mhux cert, pero' jikkalkula li kienu ghaddew xi hames minuti mill-mument li kien hemm l-isparar sa x'hin gie l-helicopter.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn gie mistoqsi jekk hassx il-htiega li jinforma lill-Pulizija b'dak li kien qed jigri wiegeb li ma hassx il-htiega li jaghmel dan. Mistoqsi jekk jafx l-imputati fl-awla wiegeb li lill-imputati huwa sar jafhom xi hames jew sitt xhur ilu. Pero' meta' sar l-incident mertu tal-kawza huwa ma kienx jaf lill-imputati. Ix-xhud spjega li s-sid tal-garaxx fejn ghamlu l-*barbecue*, Marlon kien jahdem ma' certu Pierre Carabott illi kien jaf lill-imputati u lix-xhud kien qallu sabiex imorru ghand avukat u jghidu x'kienu raw il-Gnejna. Fil-fatt huma marru ghand Dr. Leslie Cuschieri biex ikellmuh. Wara huwa kien ircieva karta u

wara li tkellem ma’ shabu sar jaf li huma kienu msejhin biex jitilghu l-Qorti.

**George Azzopardi** xehed fis-17 ta’ Settembru, 2010 fejn iddikjara li f’Marzu tas-sena 2004 kienet sehhet sparatura gewwa l-Gnejna u huwa dakinhar kien qieghed f’garaxx il-Gnejna u huwa kien hemmhekk ma’ William Spiteri u ma’ persuni ohra u qeghdin f’*barbecue*. Huwa spjega li ghal habta ta’ xi t-tmienja jew it-tmienja u nofs ta’ filghaxija meta’ kien diga dalam semghu dghajsa diehla bil-mod u huwa kien qieghed barra mill-garaxx u ra dghajsa diehla bil-mod bid-dwal mixghulin li kienu *navigation lights*.

Ix-xhud jiftakar li din id-dghajsa trakkat ma’ speci ta’ moll gewwa l-Gnejna u ra ragel jorbot id-dghajsa. Huwa spjega li xi ghaxar minuti wara semghu dghajsa diehla bil-gass u sema’ l-kliem “*spara, spara*”. Huwa dak il-hin ra zewgt irgiel jigru. Ix-xhud resaq lura ghax sema hafna sparar qisu ta’ machine gun u ghalhekk dahal il-garaxx u beda jittawwal kultant. Wara xi ghaxar minuti gie *helicopter* u huwa seta’ jara ahjar ghax kien hemm iz-zona mixghula bid-dawl tal-pulizija. Huwa jahseb li t-tieni dghajsa li dahlet hija tal-pulizija. Waqt li kien hemm l-isparar ghaddej kull ma’ kien hemm fil-bajja kien bozza zghira mixghula. Huwa spjega li r-ragel li ra niezel minn fuq id-dghajsa huwa l-imputat Jesmond Vella. Huwa jidhirlu li fuq id-dghajsa ra ragel iehor.

Huwa tenna li x’hin sema l-isparar, it-tieni dghajsa ma kienx ra hemmhekk pero’ kien qed jisma l-mutur taghha. Ix-xhud spjega li x’hin ra t-tieni dghajsa fil-fatt l-isparar kien diga waqaf.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li huwa lill-imputat u lil Jesmond Vella jafhom ftit u ilu jafhom ghall-ahhar sitt snin mindu gara dan il-kaz. L-ewwel darba li ltaqa' maghhom kien meta laqaghhom ma' Marlon Caruana u tkellmu dwar il-kaz. Huwa qal li William Spiteri wkoll kien prezenti ghand l-avukat meta' tkellem ma' Dr Cuschieri u cioe' xi sitt snin ilu.

Ix-xhud spjega li dakinhar fuq id-dghajsa kien ra lill-imputat Publius Zammit u lil Jesmond Vella rah fuq il-moll. Huwa qal li wara xi hames jew ghaxar minuti li Jesmond Vella nizel fuq il-moll, beda l-isparar. Waqt l-isparar ix-xhud dahal fil-garaxx u kif gie l-*helicopter* huwa rega' hareg barra u peress li l-*helicopter* beda jixhet id-dawl huwa seta' jara x'kien qed jigri. Huwa tenna li waqt li kien hemm id-dawl tal-*helicopter*, lill-imputati ma kienx qed jarahom. Mistoqsi jekk wara din is-sitwazzjoni kellux imur ikellem lill-Pulizija huwa wiegeb li ma hassx il-bzonn li jaghmel dan. Huwa qal li ghall-*barbecue* kienu tmienja min-nies.

Il-Qorti diversament preseduta semghet it-trattazzjoni tal-partijiet li saret fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru 2010, u regghet semghet it-trattazzjoni tliet snin u nofs wara u cioe' nhar it-28 ta' Lulju 2014.

Illi permezz ta' digriet tal-1 ta' Lulju 2013, gie sospiz il-prolazzjoni tas-sentenza u gie ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat Publius Zammit u dana stante illi Jesmond Vella gie dikjarat bhala *missing person.*

Illi minn dakinhar 'il quddiem l-imputat Jesmond Vella ma deherx il-Qorti minkejja li kien inhareg mandat ta' akkompanjament fil-konfront tieghu.

**Illi nhar il-21 ta' April 2014 din il-kawza flimkien ma' numru kbir ta' kawzi gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet mill-Prim Imhallef u l-Magistrat sedenti appuntat din il-kawza ghas-smiegh ghal nhar id-29 ta' Mejju 2014**.

Rat illi fid-29 ta' Mejju 2014 deher l-imputat Publius Zammit assistit minn Dr. Leslie Cuschieri u l-Ispettur James Grech ghall-Prosekuzzjoni li ezentaw lil din il-Qorti kif preseduta mill-htiega li terga tisma x-xhieda li diga ddeponew f'dawn l-atti u ma kellhomx oggezzjoni li fis-seduta li tmiss issir it-trattazzjoni ghal darb'ohra quddiem din il-Qorti kif preseduta u l-kawza giet differita ghal nhar l-10 ta' Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2014 ma deher hadd u l-Qorti giet infurmata li l-Ispettur Michael Mallia ma setax jattendi s-seduta u ghalhekk din il-kawza giet differita ghal nhar l-4 ta' Lulju 2014 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Illi dakinhar tal-4 ta' Lulju 2014 l-avukat difensur talab differiment sabiex ihejji d-difiza tieghu.

Illi fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2014 deher l-imputat assistit minn Dr Leslie Cuschieri u l-Ufficcjal Prosekutur u trattaw il-kaz u ghalhekk din il-kawza llum tinsab differita ghas-sentenza finali fil-konfront ta' Publius Zammit.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet dwar dak li sehh. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat u Jesmond Vella kellu hafna ghasafar, tjur u fkieren fuq id-dghajsa taghhom u li kienu qed jimpurtawhom minn barra l-pajjiz u meta l-pulizija u l-armata ipprovat tintercettahom dawn ma waqfux u baqghu jsuqu d-dghajsa Little China bi speed eccessiv. Jidher li l-Prosekuzzjoni kienet armata tajjeb tant li fil-vicinanzi kellha xi patrol boats, speed boat ohra u helicopter idur isegwi l-passi ta' din il-power boat u ghalhekk meta l-imputat ma waqafx jew ahjar harab minn fuq il-post gew sparati xi tiri minn membri tal-armata u fil-fatt Jesmond Vella kien gie milqut fi spallejh, f'sieqU tant li in segwitu ittiehed lejn l-Isptar b'ambulanza. Il-prosekuzzjoni qed tallega wkoll li l-kwantita ta' ghasafar li sabet fil-bajja fejn kienet waqfet l-power boat misjuqa mill-imputati kienu proprjeta' tal-imputati u kien ghalhekk li segwewhom ghaliex kellhom suspett li kienu nvoluti fil-kuntrabandu.

Min naha l-ohra l-imputat Publius Zammit li ghazel li jixhed u jaghti d-deposizzjoni tieghu jghid li huwa kellu d-dghajsa bil-hsara u kien ghalhekk li tela' Ghawdex ma siehbu Jesmond Vella sabiex ivarawha bl-intendiment li Vella li allegatament jifhem fid-dghajjes jara x'kellha hazin. Jichad li huwa kellu xi kuntrabandu u meta gie mistoqsi dwar il-kaxxi tal-ghasafar li nstabu fil-bajja fejn kienu waqfu jghid li ma jaf xejn

dwarhom u mistoqsi ghaliex fuq id-dghajsa li kien rikeb kien hemm l-istess tip ta' rix jghid li ftit qabel ma telghu fuq id-dghajsa kien hemm xkora skalora hdejn xi bin u hadha mieghu sabiex jarbilha u dan ghaliex huwa dilettant ta' l-ghasafar. Mistoqsi x'kienet qed taghmel il-kaxxa vojta tal-GPS fil-garaxx tieghu liema oggett kien inxtara jumejn qabel l-incident jghid li huwa hu sejjer lejn Ghawdex kien waqaf ghand il-Mecca San Pawl il-Bahar u xtara dan il-GPS ghal xi habib tieghu John li ma kienx jaf kuljomu u kien tawhulu appena vara d-dghajsa. In sostenn tad-difiza tieghu sabiex jipprova li verament kien hemm sparar waqt li kienu fil-bajja tal-Gnejna huwa ressaq xi xhieda li lkoll ikkonfermaw li kien hemm dghajsa bid-dwal mixghula blu li dahlet wara l-imputati, u li kien hemm il-haulers u kienu qed jghidu "spara spara spara" u fil-fatt semghu divesi sparar. Ikkonfermaw ukoll li kien hemm helicopter *hovering* fuq l-akkwati. Meta dawn ix-xhieda gew mistoqsija jekk gharfux id-dghajsa lkoll qalu li jahsbu li kienet tal-pulizija.

Illi ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u liema verzjoni tal-fatti ghandha temmen din il-Qorti.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga. L-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax ta' Dicembru, 1936].

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** - pg. 234 Vol III jghid:

*“Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu immedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija l-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe’ oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero’ mhux kull icken dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju ikun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer,** dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible, but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen** *[1952] AC 480, 489*.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif ukoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe’ dik proposta mill-Prosekuzzjoni tramite d-diversi xhieda taghha membri tal-Armata u tal-Korp tal-Pulizija fost ohrajn u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sfortunatament mhix qieghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kienetx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe' hadet iz-zmien taghha sabiex tigbor u tisma viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'versjonijiet konfliggenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mix-xhieda u mill-imputat kif traskritta u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar

kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed issib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa ghalhekk l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat mhux innocenti, u dan trid taghmlu billi, bil-provi taghha twassal lil min irid jiddeciedi, sa dak il-grad ta' konvinciment morali, bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'seta' gara probabilment jew possibilment, ma jikkostitwux ebda prova valida.

Mill-banda l-ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli (vide **Il-Pulizija vs Joseph Ciscaldi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra ta' Lulju 1998).

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **<u>Teper v R</u>** (1952) jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference.*"

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-</u>**

**<u>Pulizija vs Joseph Lee Borg</u>** fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat, u <u>hadd iktar, anzi l-akkuzat</u> biss, li hu l-hati u li l-provi li jigu mressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil et</u>** nhar is-sitta ta' Mejju, 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***,*** kien intqal li:

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji peress li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi li jorbtu lill-imputat mal-akkuzi moghtija fil-konfront tieghu. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader</u>***'* hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Teper v The Queen</u>' [1952] AC 480, 489**.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no</u> (sottolinear ta' din il-*

*Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

**Ikkunsidrat ulterjorment**

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni pprovat li bejn il-lejl ta' 13 u 14 ta' Marzu 2004 l-imputati kienu abbord dghajsa bl-isem *Little China* bil-lejl fid-dlam fl-ibhra territorjali ta' dawn il-gzejjer u dan sahansitra anke fuq dak li qal l-imputat Publius Zammit fix-xhieda li huwa ta fil-pedana tax-xhieda. Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova mix-xhieda taghha li hija kellha nformazzjoni kunfidenzjali li l-imputati kienu gejjin mit-Tunezija b'xi kuntrabandu u kien ghalhekk li hadet il-prekawzjoni kollha sabiex taghmel fuq il-bahar proprju bejn il-fliegu bil-ghan li tintercetta din id-dghajsa una volta tkun fil-vicinanzi taghha. Ipprovat mix-xhieda li resqet u appuntu mill-membri tal-armata tal-maritime squad li effettivament din id-dghajsa giet intercettata fuq ir-radar taghhom u kien ghalhekk li setghu jsegwuha. Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jaghtu rendikont dettaljat tal-vjagg li ghamlet din id-dghajsa u kull waqfa taghha liema prova ma

gietx kontestata fl-ebda hin mill-imputat li xehed. Il-Membri tal-Armata spjegaw kif effettivament kienet waqfet ghal xi hin fix-Xatt l-Ahmar vicin tax-Xlendi fejn instabu l-gageg bit-tjur u fkieren, ghaddiet minn hdejn ix-Xlendi u baqghet sejra lejn il-Gnejna, Malta. B'dan illi kienet il- patrol boat li baqghet isegwi din id-dghajsa bir-radar taghha u dan ghaliex l-ispeed taghha kienet wiehed eccessiv u l-ispeed boat li kienu riekba l-membri tal-armata ma setghux jilhqu maghha.

Meta eventwalment telghu abbord id-dghajsa li kienu qed isegwu saru jafu li din kienet l-istess dghajsa *Litle Child* li dwarha kellhom informazzjoni kunfidenzjali li kien hemm kuntrabandu u fuq id-dghajsa *Little Child* kien hemm hafna rix li jikkombacjaw mat-tjur li nstabu proprju fuq il-bajja mgharuf bhala Xatt tal-Ahmar, Ghawdex fejn kienu waqfu ftit qabel, qabel ma l-imputat saq 'l hemm bi speed eccessiv. L-ispjegazzjoni li jaghti Publius Vella kienet li huwa kien sab xkora bi skalora ftit qabel ma telgha fuq id-dghajsa liema xkora kienet ma genb bin u ddecieda li jghabbiha fuq id-dghajsa ghaliex jghid li huwa dilettant tal-ghasafar u dan minkejja li fuq id-dghajsa ghasafar jghid li ma kellux u li d-dghajsa ghabbiha minn garaxx f'Ghawdex fejn seta' ghalhekk facilment halla l-ixkora. Molto piu meta tqis li d-dghajsa tieghu kienet *power boat* u ghalhekk kif del resto stqarr hu stess bil-velocita tad-dghajsa l-ixkora taret pero' r-rix baqa' imwahhal mad-dghajsa. Il-Qorti thoss li din il-verzjoni tar-rix mhix kredibbli u hija fjakka fic-cirkostanzi u ghalhekk l-ispjegazzjoni tieghu ser tigi skartata.

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova li hija kienet ilha ssegwi lill-imputat u tigbidlu l-attenzjoni tieghu li kienet pulizija tant li kellha s-

search lights blu, kellha l-haulers fejn bdew jghidu “ieqfu pulizija” kif ukoll is-sirena, cio nonostante pero’ l-imputat ma waqafx anzi zied l-ispeed u harab minn taht ghajnejn il-pulizija u kien imnalla li kien hemm patrol boat fil-vicin li kienet qed isegwi l-operazzjoni ghaliex kollox kien jisfaxxa fix-xejn u dan ghaliex meta l-imputat u Jesmond Vella telqu minn Ghawdex u saqu lejn il-Gnejna d-dghajsa li kienet qed issegwihom kienet tilfithom u ghalhekk kellha tkun il-patrol boat li terga’ itihom is-sinjali fejn kellhom imorru. Dwar dan l-imputat Publius Zammit jghid li vera kien hemm dghajsa li marret ghal fuqhom pero’ beza u dan ghaliex ma tax kaz li setghu kienu pulizija izda haseb li kienet persuna ohra li kienet ser taqlalu xi nkwiet. Mistoqsi jekk ghamilx rapport dwar dan l-allegat biza li kellu u cioe’ li kien qed jigi segwit minn Charles Butler jghid li ma kienx ghadu ghamel pero’ jghid li kien dahal il-Gnejna proprju biex imur jaghmel rapport. Hawnhekk id-difiza stess resqet xhieda li lkoll qalu li semghu t-tiri tal-isparaturi u jghidu li kien hemm il-pulizija bid-dawl blu u helicopter itir fl-ajru fuq l-operazzjoni taghhom. Il-Qorti ma tarax li din il-verzjoni hija kredibbli li ma gharfux li kienu pulizija jew membri tal-Armata u hija inverosimili li l-imputati jisimghu dan l-ghajjat ‘*spara spara spara*’ u ma jieqfux anzi jipprovaw ikomplu jaharbu mill-agressuri taghhom. Dan hu ndikattiv li kellhom x’jahbu.

L-imputat Publius Zammit jghid li kellu hsara fid-dghajsa u allura jekk din kienet il-verzjoni tieghu ghaliex ma weriex il-*parts* li kellu fuq id-dghajsa li kienu se jinbidlu jew jispjega x’tip ta’ hsara kellu. Kien hemm bzonn li johorguha ghal prova tard bil-lejl fid-dlam meta d-dghajsa suppost ma kinitx qed tahdem sew? Anzi addirittura jidher li tant kienet qed tahdem sew li kull darba l-imputati rnexxielhom jaharbu mill-pulizija u ghalhekk power kienet qed itellgha zgur.

Illi ma hemmx dubbju li c-cirkostanzi tal-kaz huma tali li jindikaw li l-imputat u Jesmond Vella verament kellhom dawk il-kaxex tal-ghasafar u fkieren mghobbija fuq id-dghajsa u li riedu jevitaw jew ahjar jaharbu mill-pulizija u li ghalhekk il-versjoni tal-fatti kif moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ghandha aktar mis-sewwa, hija aktar konsistenti u attendibbli u li ghalhekk sejra tigi emnuta.

Huwa minnu li l-membri tal-Armata sparaw u sparaw diversi tiri u sahansitra anke laqtu lil Jesmond Vella pero' dan ma jnaqqasx mill-htiega li kien hemm ghal tali komportament fic-cirkostanzi li sabu ruhhom fihom dakinhar fejn kien hemm allegat evazjoni ta' dazju fuq kuntrabandu li wara kollox irrizulta kien qed isehh u l-imputat agixxa bil-mod li agixxa li ttanta jevadi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom.

M'hemmx dubbju dwar l-akkuza tar-recidiva, issir referenza ghas-sentenzi esebiti fl-atti u li dwarhom il-Prosekuzzjoni resqet diversi ufficcjali tal-pulizija sabiex jikkonfermaw l-istess fil-konfront ta' l-imputat u ghalhekk tali akkuza tirrizulta ukoll.

Ai fini ta' piena l-Qorti rat li verament ir-reati in kwistjoni ilhom li sehhew tant li l-imputat Publius Zammit tressaq il-Qorti fit-23 ta' Dicembru 2004, u cioe' kwazi ghaxar snin ilu pero' mill-banda l-ohra r-reati in kwistjoni huma ta' natura serja u in vista tal-fedina penali tal-imputat Publius Zammit li hija wahda reflettarja tant li bejn il-perjodu

1988 sa Gunju 2004 diga kellu tmintax-il *conviction* registrat fuqha dwar reati li nstab hati fosthom diversi akkuzi ta' serq, ricettazzjoni, akkuzi relatati ma' ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u gie kkundannat multi, inghata probations, sentenzi sospizi u prigunerija effettiva u cio nonostante ma tghallimx ghaliex illum rega' qieghed il-Qorti iwiegeb ghall-akkuzi odjerni.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati u cioe' l-Artikoli 41 (1) (a), 48A (1), 49, 50, 96 (a), 98, 214, 218, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 60 (a)(b)(c)(k), 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 68 (1), 69 (1)(2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37, l-Artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq Valur Mizjud (Att Nru. XXIII-1998), Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg. 12 (3) u 25 tal-A.L. 146/1993, u Reg. 6 (1)(2), 8, 9(5) (6) tal-A.L. 19/1992 u tiddikajra li qed issib lill-imputat PUBLIUS ZAMMIT hati tas-segwenti talli bejn il-lejl tat-13 u 14 ta' Marzu 2004:-**

1. **Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija jew ta' awtorita inkarigata minn sevizz pubbliku u fixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom,**
2. **Xjentement naqas milli jiddikjara lill-Ufficcjali tad-Dwana kwantita ta' ghasafar u fkieren,**
3. **Importa ghasafar hajjin jew parti minnhom mejtin u naqas li jipprova li dawn gew imrobbija fil-maghluq fil-pajjiz minn fejn originaw jew li ma humiex protetti fil-pajjiz tal-origini taghhom jew l-esportazzjoni taghhom kienet wahda legittima u awtorizzata,**
4. **Talli mporta xi ezemplari mhux skond il-konvenzjoni dwar il-kummerc fi speci mhedda ta' fawna u flora selvagga,**

5. **Talli mporta ezemplari minghajr ma applika ma' Awtorita Amministrattiva bil-miktub fuq formula ghalhekk imhejjija mill-istess Awtorita u naqas li jipproduci l-permess mehtieg mill-Konvenzjoni dwar il-Kummerc fi Speci Mhedda ta' Fawna u Flora Selvagga,**
6. **Ma kellux formoli permessi u certifikati skond kif titlob il-ligi tal-konvenzjoni**

**U tikkundannah in vista tar-recidiva tieghu u tal-fedina penali reflettarja tieghu ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs komplessivament u tilliberah mill-akkuzi l-ohra.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas multa l-Qorti tirrileva li skond il-proviso (c) tal-Artiklu 62 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta tali talba m'ghandhiex tintlaqa' u dan anke in linea ma dak li gie deciz fis-sentenza il-Pulizija vs Francis Camilleri et deicza fl-4 ta' Mejju 2007 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.**

**Il-Qorti tiddikjara li mhix ser tordna konfiska tal-ghasafar u tal-fkieren stante li din il-Qorti b'digriet taghha tas-17 ta' Mejju 2005 (fol. 85) kienet ordnat ir-rilaxx tal-ghasafar li kienu hajjin u ordnat id-distuzzjoni ta' dawk li kienu mejtin u ghalhekk illum m'hemmx tjur jew fkieren x'jigu konfiskati.**

**Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tordna l-konfiska tad-dghajsa *Little Child* esebita f'dawn l-atti a favur tal-Gvern ta' malta, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija minn Dr. Gordon Cutajar li xehed ghan-nom u in rappresentanza tal-Malta Maritime Authority nhar is-26 ta'**

**Ottubru 2005 fejn ikkonferma li d-dghajsa ghandha net tonnage ta' 3.6 tones u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 68 (1) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta tali dghajsa l-Qorti tordna l-konfiska taghha peress illi n-net tonnage taghha huwa inqas minn mitejn u hamsin tunnellata u ghalhekk huwa konfiskabbli ai termini ta' dan l-artikolu.**

**Tordna l-iskwalifa tal-licenzji kollha taht ir-regolamenti tal-1992 dwar il-kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora ghal perjodu ta' hames snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tilqa' wkoll it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-esperti nominati fl-atti tal-inkjesta li saret in konnssjoni mar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li taghhom instab hati.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti u Tribunali Kriminali sabiex jigbor l-ispejjez dwar il-hatra ta' esperti.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------